**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**
**(ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-30 TA' NOVEMBRU, 2023**

**Kawża Numru: 7**

**Rik. Kost. 2/2015 RGM**

**Emily Lancaster armla ta' Leonard Thomas Lancaster**
**Theresa Fsadni Lancaster**
**Caroline Battistino,**
**ulied l-istess Leonard Thomas Lancaster**

**vs.**

**Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali kif ukoll *Active Ageing* u b'digriet tat-23 ta' Mejju 2023 saret korrezzjoni sabiex jiġi jaqra Segretarju Permanenti tal-Anzjanità Attiva**
**Kap Eżekuttiv tar-Residenza San Vinċenz de Paul**
**Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa**

**Il-Qorti**

1. Rat li b'rikors tat-12 ta' Jannar 2015 ir-rikorrenti fissru li Leonard Lancaster kien sofra diversi attakki ta' puplesija li kienu ħallew impatt konsiderevoli fuq saħħtu. Kien

għalhekk li l-imsemmi ġie ammess ġewwa St. Vincent de Paul (minn issa ‘l quddiem SPV) f’Ġunju 2014 u sussegwentement tqiegħed fis-sala St. Joseph Ward 2. Ifissru li meta ġie ammess fl-imsemmija sala huwa safa vittma ta’ imġiba traskurata kif ukoll irresponsabilità tan-*Nursing Officers* li kienu jmexxu l-istess ward u membri oħra tal-istaff tal-imsemmija ward. Fl-20 ta’ Lulju 2014, Leonard Lancaster ittieħed l-Isptar Mater Dei u tqiegħed fit-Taqsima tal-Kura Intensiva (ITU) u dan peress li kien f’qagħda kritika li kien fiha u “n-nuqqas ta’ kura li kien issubixxa precedentement fir-Residenza San Vincenz de Paul.” Fissru li t-tobba ta’ Mater Dei stabbilew li kellu “*a severly ulcerated fournier’s gangrene with pus exudates”* u skont ir-rikorrenti, is-Sur Lancaster kien sab ruħu f’dik il-qagħda għaliex kien sofra minn abbandun mediku mill-imsemmija Residenza. Ir-rikorrenti għaddew sabiex elenkaw fix kien jikkonsisti l-abbandun u fosthom issemma li (a) kien tħalla fil-kuritur għal sigħat sħaħ taħt arja kundizzjonata u kemm-il darba sabuh jirtogħod b’mod qawwi u kien jitħalla mingħajr ilbies adegwat, (b) kienu ppruvaw ituh ikel minn ħalqu nonostante li l-*speech therapist* tat struzzjonijiet sabiex il-pazjent ma jingħatax ikel f’ħalqu, (ċ) intużat l-istess biċċa biex jimsħu wiċċ pazjent li biha kienu għadhom kif mesħu l-mejda, (d) ġew żviluppati ġrieħi minħabba nuqqas ta’ kura u ndafa adegwata, (e) l-Isptar Mater Dei sabuh *dehyrated*. Fissru li dan il-mod kif ġie trattat Leonard Lancaster kien jikkostitwixxi theddida serja għad-dritt għall-ħajja ai termini tal-Artikolu 2, trattament inuman u degradanti ai termini tal-Artikolu 3 u ġie vjolat il-jedd għall-ħajja privata, id-dritt għall-ħajja tal-familja u d-dritt għall-integrita personali u psikoloġika ai termini tal-Artikolu 8, ilkoll tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali. Ir-rikorrenti premettew li pproċedew b’din l-azzjoni stante li jkun inutli li jipproċedu b’kawża għar-risarċiment tad-danni u dan peress li l-liġi tagħna tammetti biss danni materjali u ma tipprovdi għal ebda danni non-pekunjarji. Għaldaqstant ir-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex

> “(1) taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti proprio et nomine,
>
> (2) tiddikjara li Leonard Thomas Lancaster sofra vjolazzjonijiet tal-Artikolu 2, 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319),
>
> (3) tiddikjara li r-rikorrenti Emily Lancaster, Theresa Fsadni Lancaster u Caroline Battistino personalment, separatament, sofrew ukoll vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319), u

(4) konsegwentement tordna l-hlas ta' kumpens xieraq lil kull wahda minnhom.

Bl-ispejjez kontra l-intimati."

2. B'rikors tal-11 ta' Frar 2015, ir-rikorrenti resqu l-ħames talba liema taqra hekk:

"(5) tiddikjara li in kwantu l-ligijiet ordinarji ma jipprovdux azzjoni ghar-risarciment tad-danni morali ossija ghall-hlas ta' 'non-pecuniary damages', dan jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319) dwar id-dritt ghal rimedju effettiv."

3. B'risposta tad-29 ta' Jannar 2015, il-konvenut Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali kif ukoll *Active Ageing* (minn issa 'l quddiem is-Segretarju Permanenti - Familja u Solidarjetà Soċjali) u l-Kap Eżekuttiv tar-Residenza San Vinċenz de Paul (minn issa 'l quddiem il-Kap Eżekuttiv) eċċippew li mill-qari tar-rikors promotur jidher li r-rikorrenti qegħdin ifittxu għal danni morali u mhux għad-danni pekunjarji, altrimenti jekk kien mod ieħor, ir-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju taħt l-Artikolu 1031 tal-Kapitolu 16. Dwar il-mertu safejn jolqot l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni, ġie eċċepiet li ebda wieħed minnhom ma neħħa jew prova jneħħi b'mod intenzjonali l-ħajja ta' Leonard Lancaster u lanqas b'mod indirett jew passiv ma jistgħu jitqiesu bħala responsabbli għall-mewt tiegħu. B'mod kategoriku, l-imsemmija intimati jiċħdu l-allegazzjonijiet mqanqla mir-rikorrenti dwar l-allegati abbandun mediku, imġiba traskurata u irresponsabbli tal-addetti tar-Residenza ta' San Vinċenz, anzi ingħata attenzjoni massima lis-Sur Lancaster sabiex jingħata l-aqwa kura possibbli minkejja li huwa kien mifni minn għadd kbir ta' kundizzjonijiet mediċi li kienu jaffetwawlu saħħtu. Ir-raġuni tal-mewt ta' Leonard Lancaster ma kinitx il-*fournier's gangrene* kif donnhom jagħtu x'jifhmu r-rikorrenti iżda kien *subarachnoid leak* mill-moħħ, xi ħaġa li ma kellha x'taqsam xejn mal-*fournier's gangrene.* L-intimati komplew jispjegaw li tant ma kienx hemm abbandun min-naħa tal-addetti ta' San Vinċenz de Paul li meta fl-20 ta' Lulju 2014 kienu qegħdin jaħslu lil Lancaster, innotaw li kellu ċertu ħmura – għalkemm l-infezzjoni ma kinitx tidher min-naħa ta' barra – u kien għalhekk li ġie deċiż li jintbagħat Mater Dei għall-aċċertamenti mediċi. Kien waqt l-invistar mit-tabib li dan ra ftit materja u issuspetta li kien hemm każ ta' *fournier's gangrene* u peress li din hija infezzjoni li trid tiġi ikkurata mill-ewwel kien meħtieġ li jsir intervent kirurġiku sabiex il-parti affetta minn din l-patoloġija titnaddaf minn ġewwa, liema intervent trnexxa b'suċċess u l-problema ta' *fournier's gangrene* ġiet solvuta. Rigwardanti l-allegazzjoni li trabbiet infezzjoni f'sidru minħabba l-kesħa, l-intimati fissru li din mill-ewwel ġiet trattata bl-antibijotiċi. Fir-rigward tal-ordni tal-

*ispeech* terapista fil-fatt kien sabiex jingħata *thickened liquids* kull tlett sigħat. Għaldaqstant l-ilment msejjes fuq l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ma jistax jitqies bħala wieħed mistħoqq.

Fir-rigward tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, l-intimati ddikjaraw li Lancaster assolutament ma ġie assoġġettat għal ebda piena jew trattament inuman jew degradanti. Fissru li l-ħaddiema tar-Residenza taw l-aħjar servizz possibbli skont id-diliġenza mitluba. Spjegaw li t-talba tiegħu sabiex jidħol fir-Residenza saret fit-2 ta' Ġunju 2014 liema talba ntlaqgħet mill-ewwel tant li huwa daħal b'mod effettiv fil-5 ta' Ġunju 2014. Hekk ukoll meta r-rikorrenti talbu biex is-Sur Lancaster jiġi trasferit f'sala oħra, din it-talba kienet ġiet milqugħa minnufih. Fejn tidħol kura u saħħa, l-intimati fissru li l-addetti tar-Residenza dejjem ħadu ħsieb li jtuh il-mediċini kollha li kellu bżonn, trasferewh Mater Dei meta kien bżonn, kien isir *nursing report* kuljum u t-tobba u l-konsulenti tar-Residenza kienu jżuruh u jinvistawh ta' spiss. Spjegaw li s-Sur Lancaster kien jiġi maħsul kuljum. Dan l-ilment għalhekk m'huwiex ġustifikat.

Ġie eċċepiet li ħadd mill-intimati ma kasbar il-ħajja privata u / jew id-dinjità għall-ħajja tal-familja la tas-Sur Lancaster u lanqas ta' xi ħadd mir-rikorrenti kif imħares bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Bħala regola, dan l-artikolu jipprovdi illi kull persuna għandha dritt għar-rispett tal-ħajja familjari tagħha u għall-privatezza tagħha. It-tieni sub-inċiż imbagħad jipprovdi illi interferenza fit-tgawdija ta' dan id-dritt ma twassalx għal-leżjoni jekk tali interferenza saret skont il-liġi u din tkun neċessarja f'soċjetà demokratika. Fissru li l-familjari tas-Sur Lancaster tul il-perjodu li kien residenti f'San Vinċenz kellhom kull opportunità li jżuruh u li joqgħodu miegħu mingħajr xkiel.

4. Fit-30 ta' Jannar 2015 tressqet ir-risposta tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa fejn beda billi eċċepixxa li huwa m'huwiex leġittimu kontradittur stante li l-aġir attakkat mir-rikorrenti huwa limitat għal dak fil-konfront tal-allegat servizz mogħti lid-defunt Lancaster ġewwa r-Residenza San Vinċenz de Paul, liema residenza ma taqax taħt it-tmexxija tad-Dipartiment tas-Saħħa. In linea preliminari wkoll eċċepixxa li t-talba tar-rikorrenti hija wkoll karenti minn fundament ġuridiku stante li l-iter kostituzzjonali ma jistax jintuża bħala skuża għal kawża għal riżarċiment ta' danni. Fil-mertu, l-imsemmi intimat eċċepixxa għar-raġunijiet hemm mogħtija li ma kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 2, 3 u 8 tal-Konvenzjoni mill-addetti tal-Isptar Mater Dei.

5. Rat ir-rispota ulterjuri tal-intimati kollha ppreżentata fid-9 ta' Marzu 2015 fejn b'referenza għat-talba miżjuda mir-rikorrenti, huma eċċipew li l-Artikolu 13 ma jeżiġix xi proċedura partikolari dwar kif għandu jingħata rimedju, l-importanti huwa

li jingħata rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali. L-Artikolu 13 ma jitlobx li r-rimedju għandu jkun fil-qafas tal-proċeduri ordinarji kif donnhom qed jippretendu r-rikorrenti iżda li jkollhom rimedju quddiem awtorità nazzjonali, irrispettivament jekk hijiex kawża ċivili jew kawża kostituzzjonali / konvenzjonali. Eċċipew li għalkemm il-Kodiċi Ċivili ma jipprovdix għall-għoti ta' danni morali, dan ma jfissirx li r-rikorrenti ma jistgħux jitolbuhom taħt xi liġi domestika oħra, tant li l-kawża odjerna għandha l-potenzjal li jagħtu dak li qegħdin ifittxu r-rikorrenti, danni morali jew non-pekunjarji.

6. Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż l-erba' volumi konsistenti f'rendikont mediku tad-defunt Leonard Lancaster.

7. Rat li b'digriet tat-22 ta' Frar 2018, il-Qorti kif diversament preseduta, fuq talba tar-rikorrenti, innominat lil "Espert Mediku Profs Godfrey Laferla sabiex wara li jezamina il-*medical files* tal-pazjent, id-decuius Leonard Lancaster, u x-xhieda prodotta, jirrelata dwar:

   "(1) il-kura u t-trattament li nghataw gewwa s-sala "St. Joseph Ward 2" fir-Residenza San Vincenz de Paul, lill-pazjent Leonard Lancaster li kellu diversi strokes, li kienu hallewh dizabilitat f'diversi bnadi ta' gismu, li bil-kemm seta' jitkellem u difficilment jinftiehem, u li kien jiddependi fuq l-ghajnuna u assistenza ta' dawk li kienu responsabbli ghall-kura tieghu;
   (2) l-issue tal-'hypothermia';
   (3) il-kwistjoni li l-istaff kellu ordni "nil by mouth" u l-konsegwenzi jekk il-pazjent jinghata Yoghurts minflok 'thickened flavoured water';
   (4) id-dewmien o meno biex jigi notati fizikament u klinikament is-sintomi ta' Fournier's gangrene qabel ma sar ir-Referral ghall-Isptar ("a severely ulcerated fournier's gangrene with pus exudates" u "During procedure, it was found that the area of necrosis and pus collection extended from the left ischiorectoral fossa, crossing middle over urethra but involving the urethra. Necrosis also in the region of the rectum");
   (5) l-issue ta' 'severe dehydration' tal-pazjent gewwa St Vincent de Paul Residence;
   (6) jekk sarx dak kollu li kellu jsir professjonalment fir-rigward ta' 'Aspiration pneumonia' / sputum cultures / blood tests;
   (7) l-issue tal-'heel necrosis';
   (8) l-issue tal-'mouth infection';
   (9) jekk inzammx 'proper record keeping' fil-livell tat-Tobba kuranti u fil-livell tan-Nursing u Nursing Aids;

(10) l-anomaliji u nuqqasijiet o meno fit-Treatment charts;
(11) jekk fir-Residenza San Vincenz de Paul kienx hemm il-livell ta' trattament u / jew sorveljanza mehtiega fil-kaz tal-mejjet Leonard Lancaster."

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippreżentata fil-11 t'April 2022[1], in-nota ta' sottomissjonijiet tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa ippreżentata fl-24 ta' Mejju 2022[2] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rimanenti intimati ippreżentata fil-25 ta' Mejju 2022[3].

9. Rat ir-rapport tal-Perit Mediku Prof Godfrey La Ferla ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2022 u maħluf fl-20 ta' Ġunju 2022.[4]

10. Rat in-nota tar-rikorrenti ppreżentata fit-18 t'Awwissu 2022 bid-domandi in eskussjoni lill-Perit Mediku[5] kif ukoll ir-risposti mill-Perit Mediku għall-istess ppreżentati fis-7 t'Ottubru 2022 u maħlufa fl-istess ġurnata[6].

11. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tar-rikorrenti ppreżentata fit-28 t'April 2023[7], tal-intimat Segretarju Permanenti - Familja u Solidarjetà Soċjali u l-Kap Eżekuttiv ippreżentata fid-19 ta' Mejju 2023[8] u tal-intimat Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa ppreżentata fid-29 ta' Mejju 2023[9].

12. Rat l-atti kollha tal-kawża.

13. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

14. Din hija azzjoni dwar ilment ta' ksur tal-jedd fundamentali għall-ħajja u għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja kif ukoll ilment dwar trattament inuman u degradanti. Ir-rikorrenti huma mart u ulied Leonard Lancaster li kien residenti ġewwa r-Residenza

[1] Fol 547 et seq tal-proċess.
[2] Fol 580 et seq tal-proċess.
[3] Fol 593 et seq tal-proċess.
[4] Fol 630 et seq tal-proċess.
[5] Fol 657 et seq tal-proċess.
[6] Fol 674 et seq tal-proċess.
[7] Fol 705 et seq tal-proċess.
[8] Fol 766 et seq tal-proċess.
[9] Fol 814 et seq tal-proċess.

San Vinċenz de Paul bejn il-5 ta' Ġunju 2014 u t-28 t'Awwissu 2014, għajr għal perjodu bejn l-20 ta' Lulju 2014 u l-25 ta' Lulju 2014 stante li kien qiegħed jingħata kura l-isptar Mater Dei. Il-kontestazzjoni m'hijiex għal perjodu kollu li s-Sur Lancaster kien fir-Residenza SPV iżda limitatament għal perjodu li huwa kien qiegħed jingħata kura fis-sala San Ġużepp 2, li mill-atti jidher li huwa bejn is-26 ta' Ġunju 2014 u l-20 ta' Lulju 2014.

**Fatti**

15. Fil-5 ta' Ġunju 2014 Leonard Lancaster ġie ammess fit-taqsima *Respite*, fir-Residenza San Vinċenz de Paul fl-età ta' 81 sena. Din it-taqsima tilqa' anzjani għal perjodu qasir sabiex tagħti soljev mill-kura lill-qraba tar-resident u dan għal perjodu definit, li jkun ta' bejn tlett ġimgħat u sitt ġimgħat. Meta ġie ammess f'din it-taqsima is-Sur Lancaster ġie eżaminat u rriżulta li huwa kien dipendenti ħafna fl-attivitajiet ta' kuljum fis-sens illi huwa la seta' jinħasel waħdu u lanqas jiekol waħdu, u saħansitra kien *bed bound* peress li kellu numru ta' *strokes*. Mill-fajl mediku tas-Sur Lancaster jidher li meta ġie ammess ġewwa SVP huwa kien isofri minn:

    a. Pressjoni għolja
    b. Paraliżi fuq in-naħa tax-xellug (ikkawżata mill-istrokes)
    c. Nuqqas ta' ċirkulazzjoni tal-qalb
    d. Qalb għajjiena
    e. Dimenzja multi-infart (*Multi Infarct Dementia)*
    f. Attakki iskemiċi temporanji (*strokes*)
    g. Anemija kronika
    h. Insuffiċjenza renali kronika
    i. Gastrite

16. Kien ġie nnotat ukoll illi l-pazjent kien tilef sninu kollha. Ġie ukoll osservat li s-Sur Lancaster kien jiekol ikel likwidazjat. Di più, kellu bżonn għajnuna sabiex jimxi, jitqiegħed fis-sodda kif ukoll joqgħod bil-qiegħda u kienet tintuża T-harness li huwa qisu ċintorin forma ta' T fejn il-persuna tkun tista' toqgħod bilqiegħda fil-*wheelchair* mingħajr biża li ser jiżloq 'il quddiem jew li jaqa' mal-art.

17. Wara li baqa' jiġi segwiet regolari fit-taqsima Respite, kienet saret talba mill-qraba tiegħu sabiex jiġi ammess permanenti ġewwa SVP u dan peress li l-qraba tiegħu ma setgħux jibqgħu jieħdu ħsiebu minħabba raġunijiet ta' mard. Din it-talba ġiet

milqugħa u daħal residenti fis-26 ta' Ġunju 2014. Huwa ġie mqiegħed fis-sala St. Joseph 2.

18. F'anqas minn xahar f'din is-sala, proprju il-Ħadd l-20 ta' Lulju 2014 Leonard Lancaster ġie trasferit ġewwa l-Isptar Mater Dei wara li kien hemm suspett ta' Fournier Gangrene (*necrosis*) fil-*perineum*. Huwa wasal hemm għal ħabta tal-10:30 ta' filgħodu. It-tabib ta' Mater Dei niżżel fin-noti li t-temperatura tal-pazjent kienet ta' 37°C, niżżel ukoll ir-rata tal-qalb kif ukoll il-pressjoni. Is-Sur Lancaster ġie immedjatament operat sabiex titneħħa l-materja li trabbiet flimkien mal-ġilda ggangrenata (mejta). Kemm ir-*rectum* kif ukoll l-*urethra* ma kinux intmessu mill-gangrene. Wara l-operazzjoni huwa ġie ammess l-ITU għall-osservazzjoni. Mir-rapporti tat-tobba jirriżulta li l-pazjent baqa' stabbli u li l-ferita kienet nadifa. Fil-25 ta' Lulju 2014 huwa ħareġ mill-istpar Mater Dei u reġa' ġie trasferit SVP din id-darba fil-binja Padre Pio speċifikament fil-livell msejjaħ Loreto. Il-bidla fis-sala saret wara li s-Sinjura Emily Lancaster waqt laqgħa li saret mas-Supretendent Mediku Dr. Fiorentino hekk meta saret taf li ser jiġi rilaxxat mill-isptar. Waqt din il-laqgħa hija allegat li fis-sala fejn kien is-Sur Lancaster kien hemm riħa tinten u nuqqas ta' indafa, li l-arja kundizzjonata kienet tkun kiesħa u li kien hemm istanza fejn l-infermiera ma mxewx mal-ordnijiet mogħtija mill-i*speech therapist*.

19. Sakemm kien qiegħed jingħata l-kura ġewwa s-sala Loreto, ir-rikorrenti Theresa Lancaster bagħtet korrispondenza elettronika lill-Kap Eżekuttiv Josianne Cutajar, tirringrazzja lit-tim kollu tal-imsemmija sala kif ukoll tfaħħar is-servizz mogħti hemmhekk.

20. Leonard Lancaster ġie nieqes fit-28 t'Awwissu 2014 fit-2:45 ta' filgħodu u dan kawża ta' *cerebellar stroke*[10].

21. Fit-12 ta' Jannar 2015 ir-rikorrenti għaddew sabiex intavolaw l-azzjoni odjerna li tirrigwarda allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali ta' Leonard Lancaster sakemm kien ir-Residenza SPV senjatament il-leżjoni tal-Artikoli 2, 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja (it-tieni talba) u dritt tagħhom sanċit taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja (it-tielet talba).

Ikkunsidrat

[10] Rapport tal-Espert Mediku fol 640 tal-proċess.

**Provi**

22. Xehdet **Emily Lancaster**, mart Leonard Lancaster, fejn spjegat li hija xejn ma kienet kuntenta bl-iġjene tas-sala St. Joseph 2, tgħid li kien hemm irwejjaħ, ħwejjeġ ta' pazjenti maħmuġin fuq is-siġġijiet tagħhom. Tgħid li kienet tgħid lill-persuni inkarigati sabiex ma jħallux lil żewġha ħafna barra mis-sodda peress li kien persuna dgħajjef u anke sabiex ilibsuh ħwejjeġ adegwati għal kundizzjoni li kien isofri biha. Tgħid li kienet sabitu kiesaħ u dan għaliex kellu problema taċ-ċirkolazzjoni u kien espost għall-arja kundizzjonata kesħa mingħajr ma kien imlibbes sew. Tgħid li dwar l-iġjene tar-raġel tagħha, tgħid li ma kinux jaħsluh sew.

23. Xehdet **Caroline Anne Battistino**, bint Leonard Lancaster, fejn spjegat li missierha kien ibgħat minn diversi kundizzjonijiet tas-saħħa u l-kundizzjoni tas-saħħtu kienet idditirjoat sa kien anke kien *bed-bound*. Għal dawn ir-raġunijiet u anke minħabba raġunijiet ta' saħħitha u t'ommu, huma kienu iddeċidew li jkun aħjar li jiġi ammess ġewwa r-Residenza SVP. Hu kien ġie ammess fl-età ta' 81 sena. Tgħid li fis-sala faċċata ta' missierha kien hemm wieħed li jiġbor l-ikel li kien jifdal għal qtates u allura s-sala kienet tiġi tinten bir-riħa. Tgħid ukoll li kien hemm pazjent ieħor li kellu boroż suwed bil-ħwejjeġ maħmuġin. Tgħid li kellmu lill-istaff tal-ward dwar dawn l-affarijiet iżda qatt ma ġara xejn. Tgħid li ma kienx hemm kommunikazzjoni magħhom dwar jekk kienx qiegħed jiekol jew jixrob. Tgħid li donnhom lanqas l-infermiera bejniethom ma kienu jafu. Tgħid li darba sabet lill-missierha jirtogħod b'mod qawwi fil-kurutur u dan kien riżultat li kellu *hypothermia*. Tgħid li wara dan kollu, missierha qabditu infezzjoni fil-pulmun u lanqas seta' jibla ikel jew likwidi u kien jintema b'tubu. Tgħid li kien hemm infermier, li għalkemm kien hemm imniżżel li ma jistax jiekol, huwa pprova jtih ravjul. Tgħid li missierha għamel erba' jew ħamest ijiem mingħajr drip. Tgħid li l-infermiera kienu jgħidulhom biex ixarbulu xufftejh bl-ilma. Tgħid li meta ddaħħal l-isptar sabiex jiġi trattat għal gangrene l-ispeċjalisti kienu qalulhom li missierhom kien *dehydrated*. Tgħid ukoll li l-ispeċjalisti qalulhom li gangrene ma jiżviluppax f'sigħat. Tgħid li kien hemm sigaretti mal-art fil-kuritur u dan għaliex kienu jħalluhom ipejpu hemm.

24. Xehdet ukoll **Theresa Fsadni** Lancaster, bint Leonard Lancaster, li tgħid li s-sala fejn kien missierha kienet tinten ħafna. Tgħid li meta kienu jsaqsu jekk kienx jiekol u jixrob, qatt ma kellhom risposta ghax ma kienx jinżamm rendikont. Tgħid li huma kienu infurmaw b'dan kollu lill-infermier Mario Galdes diversi drabi però qatt ma ġara xejn. Tgħid li darba rat għajnejn missierha sejrin min-naħa għall-oħra b'mod mgħaġġel u meta qalet lit-tabiba, tgħid li din m'għamlet xejn għax la ma kinitx ratx

b'għajnejha ma setgħetx tiddetermina x'kien. Tgħid li missierha kien ittieħed l-isptar fuq suspett ta' gangrene. Tgħid li t-tobba kienu kkonfermaw li kien fil-fatt hekk u operawh immedjatament. Tgħid li tobba qalulhom li l-gangrene ma setgħetx waslet fi stadju daqstant avvanzat fi ftit sigħat. Tgħid li hija kienet rat diversi drabi lill-missierha taħt l-arja kundizzjonata jitriegħed sakemm qiegħed jinżamm fis-sala San Ġużepp 2. Tgħid li hija qatt ma rat lill-missierha libes il-piġama tax-xitwa meta dan kellu problema ta' ċirkolazzjoni u bilqiegħda għal ħin twil taħt l-arja kundizzjonata. Tgħid ukoll li ma kienx hemm *handover* bejn l-infermiera.

25. Xehed Mr **Predrag Andrejevic**, *general surgeon* speċjalizzat f'*emergency and laparoscopic colorectal surgery*. Meta ġie mistoqsi jekk il-kundizzjoni li daħal biha l-isptar kinitx tista' tiżviluppa maljar, ix-xhud spjega li jista' jagħti l-każ li tiżviluppa b'mod mgħaġġel meta il-pazjent ikun marid jew *malnourished*. Ix-xhud spjega li *isurect elapses* tiġi msejħa b'terminu antik ħafna ta' perenium gangrene. Spjega li terminoloġija gangrene hija t-terminu ġeneralment użata. Jispjega li gangrene huwa nekrożi f'*life tissue*. Jgħid li meta daħal l-isptar is-Sur Lancaster kien ibagħti minn *chronic renal failure*, *cerberal vascular storkes* u *dimentia*, problemi tal-qalb u ċirkolazzjoni. Jispjega li peress li ċirkolazzjoni tkun bagħtutha, ma jkunx hemm biżżejjed demm sejjer lejn il-ġilda u allura jkun hemm nuqqas ta' ossiġnu u nuqqas ta' nutrijenti għat-*tissues* il-ġodda.

26. **Dr. Josianne Cutajar**, Kap Eżekuttiv fir-Residenza ta' San Vinċenz spjegat fix-xhieda tagħha li l-pazjenti jinħasslu kuljum filgħodu mill-*carers* taħt is-sorveljanza tal-infermiera qabel il-ħinijiet tad-dħul tal-viżitaturi u tindif ieħor isir skont l-esiġenza u fil-privatezza mingħajr il-preżenza tal-familjari u għalhekk jintalbu joħorġu barra minn ħdejn il-pazjent. It-tabiba spjegat li r-Residenza ta' San Vinċenz m'hijiex sptar iżda residenza / faċilità ta' kura fit-tul u għalhekk sta għat-tabib li jagħmel pjan tal-kura tal-pazjent u dan ivarja skont saħħet il-pazjent. Meta ġiet mistoqsija x'inhuma l-proċeduri amministrattivi sabiex jiżguraw li ħajjet il-pazjenti ma tkunx fil-periklu, ix-xhud spjegat li hemm diversi *standard operating procedures* li jiġu segwiti u awditjati u jkun hemm bidla jew żieda tagħhom skont x'jirriżulta mill-awditjar, hemm ukoll il-*customer care*, u hemm il-*medical superintendent* li jiltaqa' regolari mat-tobba u jiżgura li l-prattiċi u *standards* jinżammu.

Fil-każ tas-Sur Lancaster tgħid li ma kienx hemm dewmien fid-dijanjosi meta ndunaw li kien hemm infjammazzjoni tat-tip tal-*gangrene* tant li malli ndunaw bl-infezzjoni (proprju fl-20 ta' Lulju 2014) immedjatament intbagħat l-isptar u ġie operat u wara li għamel ftit jiem rikoverat l-isptar huwa reġa' ritorna r-Residenza SVP. Tgħid li meta

ttieħed l-isptar il-parametri kienu stabbli u ċioe it-temperatura tal-ġisem (mingħajr deni), l-ossiġnu fid-demm, il-polz kienu kollha tajbin; wieħed iżda ma jistax jinsa li kien persuna ta 'l fuq minn 80 sena u li jbagħti minn diversi mard ieħor. Tgħid li persuna ta' dik l-età bl-istorja medika bħad-defunt f'qagħda vulnerabbli bħalu, influwenza wkoll għandha riskju ta' mewt. Tispjega li huwa għalhekk li jingħad fir-rapport tal-Isptar Mater Dei meta ddaħħal għal intervent tal-fournier gangrene li kien hemm riskju ta' mewt. Tgħid li mir-rapport li sar mill-konsulent waqt l-intervent niżżel fir-rapport li l-gangrene ma kinitx infirxet għal *rectum* u *urischia* (bużżieqa tal-pipi). Dwar in-nota fil-fajl tal-isptar li s-Sur Lancaster kien dehydrated, ix-xhud spjegat li din in-nota tinstab fir-rapport tal-anestetist u ċioe wara li ttieħed minn San Vinċenz għall-Isptar, il-*casualty*, jarawh it-tobba u l-konsulent imbagħad jittieħed fit-teatru għall-operazzjoni u allura jkun għadda ammont ta' ħin. Osservat li meta ddaħħal l-isptar ma kien hemm ebda nota li s-Sur Lancaster kien dehydrated.

Dwar indafa ix-xhud spjegat li l-awdituri dan jiċċekkjawh billi jagħmlu *spot checks* u anke għandhom *quality assurance team* sabiex jiżgura li jkun hemm l-indafa. Spjegat li t-taqsima tal-*quality assurance* twaqqfet fis-sena 2013 u resqet prova ta' dan waqt ix-xhieda tal-15 ta' Marzu 2017. Tgħid li meta rat din l-allegazzjoni fil-kawża u dan għaliex dak inhar semgħat biha l-ewwel darba hija marret tiċċekkja r-rapporti relevanti kollha għal dawk iż-żminijiet u għalkemm is-sala kienet waħda antika l-livell ta' ndafa kien skont l-istandards (rapporti ppreżentati[11]). Spjegat li fis-seħħ dak iż-żmien kien diġà hemm is-sistema ta' *triangulation of evidence* fejn hija ma kellhiex biss ir-rapport tal-awditjar tal-*quality assurance* iżda kellha rapporti tas-supervisors tal-*cleaning section* u r-rapport taċ-*charge nurse*. It-tabiba kkonfermat li meta jkun hemm ilment uffiċċjali li jkun daħal mill-*customer care*, mill-*management nursing* jew il-*medical superintendent* hija tiġi infurmata immedjatament. Tgħid li sakemm is-Sur Lancaster kien għadu ħaj, qatt ma waslulha ilmenti uffiċjali. Ix-xhud spjegat li r-resident jara lill-infermiera minn tal-anqas tlett darbiet kuljum, filgħodu waqt il-ħasil u darbtejn oħra żgur waqt li jkun qiegħed jingħata l-mediċina. Rigward l-episodju ta' meta għajnejn is-Sur Lancaster bdew għaddejjin min-naħa l-oħra, filwaqt li l-avukat tar-rikorrenti jinsisti li din ma tniżżlitx fil-fajl tal-pazjent, ix-xhud urietu fil-fatt li kien skorrett u sabet ir-rapport li sar mit-tabib.

27. Xehed ukoll it-**Tabib Ronald Fiorentino**, Supretendent Mediku. Huwa fisser li fl-14 ta' Lulju 2014 il-pazjent kien ġie nvistat minn tabib li kien sab li kellu *chest infection*. It-tabib li invistah għamel nota li s-Sur Lancaster possibbilment li hija *respiration*

[11] Fol 514 et seq tal-proċess.

*amonia* li din normalment tiġri meta jkun hemm problemi biex wieħed jibla l-ikel jew jixraq fil-bżieq tiegħu stess u flok jinżel normali fl-istonku dan jidħol fil-pulmun u allura tiġi kkawżata din l-infezzjoni. Spjega li t-trattament inbeda u ingħata l-antibijotiċi fil-vina u talab lill-*ispeech therapist* tarah li hija proċedura normali. Jispjega li dak li sab it-tabib ikkonfermah l-ispeċjalista li kien rah fl-istess ġurnata u ċioe fl-14 ta' Lulju 2014. B'referenza għal dak ordnat mill-*ispeech therapist*, ix-xhud jgħid li hija ordnat li s-Sur Lancaster għandu jingħata ikel fil-forma ta' likwidu, bl-istruzzjonijiet ta' kif għandu jingħata (b'kuċċarina) u l-mod kif għandu jkun bilqiegħda l-pazjent. Ix-xhud jgħid li l-informazzjoni dwar x'drip kien qiegħed jingħata, il-ħinijiet u l-informazzjoni kollha tinsab fit-tielet volum tal-fajl mediku allegati mal-atti. Rigwardanti t-*treatment chart* ix-xhud spjega ċar li din timxi mal-pazjent meta dan jiġi trasferit minn ward għal oħra.

In kontro-eżami spjega li meta ġie ammess ir-Respite, saru t-testijiet tad-dmija kollha tas-Sur Lancaster u din hija parti mir-rutina ta' kull pazjent ammess SVP kemm għal perjodu qasir kif ukoll għal perjodu twil. Meta ġie mistoqsi kif waslu għal konklużjoni li kellu strokes, ix-xhud spjega li dan sar tramite l-*clinical assessment* kif ukoll mill-4 volumi *medical records* tas-Sur Lancaster. Jerġa jtenni li huwa qatt ma kellu lmenti m'għand il-familja tas-Sur Lancaster sakemm huwa kien għadu fil-ward San Ġużepp 2. Jispjega li l-ewwel darba li semgħa bl-allegazzjonijiet kien meta is-Sur Lancaster kien ser jiġi rilaxxat minn Mater Dei, fejn is-Sinjura Emily Lancaster għamlet ilment mal-*customer care* u ġiet riferuta lilu. Jgħid li huwa għamel laqgħa magħha u kien hemm li għamlet ċertu allegazzjonijiet li l-arja kundizzjonata kienet tkun kiesħa fil-kurituri però huwa spjega li hemm *policy* li t-temperatura tinżamm bejn 24 u 27°C, għalkemm ma jistax jgħid jekk dak il-ħin kintix tinżamm daqshekk it-temperatura. Jispjega li meta jkun hemm ilmenti bħal dawn però jintlibbsu flokkijiet ta' taħt, jew xi ħaġa aktar ħoxna kif ukoll jistgħu jintalbu lożor tal-fleece jew lożor oħra li jkun hemm fis-sala. Meta ġie mistoqsi jekk iriżultalux jekk kienx hemm problemi ta' saħħa b'rabta mal-kesħa, ix-xhud spjega li qatt ma kellu ilmenti b'rabta mal-kesħa. Jippreċiża li għalkemm kien ikollu diversi *chest infections* dawn ikunu *aspirtation pneumonia* u dan kif dokumentat minn diversi professjonisti li kienu jarawh. Jispjega li *aspiration pneominia* hija kkawżata meta jkun hemm diffikultà biex wieħed jibla u l-ikel flok jinżel mill-pajp tal-istonku, jinżel fil-pajp tan-nifs li imbagħad jikkawża irritazzjoni tal-pulmun. Għal din tingħata l-antibijotiċi. Jikkonferma li huwa qatt ma kien rċieva lment dwar l-indafa qabel il-laqgħa li kellu mas-Sinjura Emily Lancaster. Għall-ulċeri fl-għarqub ittieħdu passi neċessarji. Dwar il-*gangrene* ix-xhud jispjega li ma kien hemm ebda nuqqas min-naħa medika għaliex dan ġie riferut l-isptar immedjatament malli ndunaw bih. Ifakkar li din it-tip ta' gangrene tikber b'mod imgħaġġel. Jgħid li

kull operazzjoni li ssir fuq persuna tal-fuq minn 75 sena hija ta' riskju serja. Ix-xhud spjega li s-Sur Lancaster kien ikollu visti regolari mit-tobba, *speech therapists*, *physiotherapist*, *occupational therapists*, eċċ u l-kundizzjoni ta' saħħtu kienet titniżżel fil-*medical reports.* Ix-xhud spjega li l-kawża tal-mewt ta' Lancaster kienet *cerebellar stroke*. Spjega li kienu jsiru spot checks b'mod regolari mill-quality assurance.

28. Xehdet ukoll **Helen Fiorini** li hija l-ispeech language pathologist. Hija spjegat li meta rat lis-Sur Lancaster hija tat direzzjoni ta' x'għandu jingħata bħala ikel, il-konsistenza u kwantita, kif għandu jkun bilqiegħda u min minn għandu jintema. Tispjega li hija kienet intalbet tarah wara li huwa kellu *aspiration pneumonia* u ċioe problemi biex jibla fejn flok l-ikel jew il-bżieq imur fl-istonku imorru fil-pulmun u allura tiġi kkawżata infezzjoni. Tgħid li jista' jagħti l-każ li kien hemm nuqqas ta' ftehim dwar l-ordni li tat hi ta' tlett kuċċarini tmien darbiet kuljum u minflok ingħataw tlett yogurts.

29. Xehdet **Dr. Celine Quattromani** li spjegat li hija kienet it-tabiba li rat lis-Sur Lancaster meta instab li kellu l-gangrene. Tgħid li t-tip ta' gangrene li kellu l-pazjenti kienet tat-tip li tiżviluppa malajr ħafna, fi ftit sigħat jibda ħiereġ l-materja minnha u hija *life threatening* li tkun trid kura immedjata.

30. Xehed **Mario Galdes**, staff nurse fil-ward St. Joseph 2. Jgħid li huwa qatt ma rċieva ilmenti m'għand ir-rikorrenti u lanqas qatt ilmentaw li l-arja kundizzjonata kienet tkun kiesħa. Jinnega li huwa qatt ipprova jagħti ravjul lis-Sur Lancaster meta dan kien hemm ordni *nil-by-mouth*. Ix-xhud jikkonferma li huwa kien biddel il-ħarqa lis-Sur Lancaster filgħodu kmieni fil-ġurnata li daħal l-isptar u jikkonferma li huwa ma kien ra xejn li allarmatu, jgħid li kieku ra xi ħaġa mhux tas-soltu kien iċċempel għat-tabib.

31. Xehed **Vincent Zammit**, deputy charge nurse St. Joseph 2 Ward. Dwar it-teba li kellu fil-parti ġenitali tiegħu, ix-xhud jgħid li kien għal ħabta tat-tmienja nieqes kwart ta' filgħodu meta nġabet għall-attenzjoni tiegħu mill-infermier il-ħtieġa li jmur tabib jara lil Lancaster. Jispjega li dan kien waqt il-ħin li kienu qegħdin jaħlsuh. Dwar l-arja kundizzjonata x-xhud jgħid li flimkien ma' Lancaster kien hemm diversi pazjenti oħra u għalhekk l-arja kundizzjonata ma tistax titqiegħed f'temperatura biex tissodisfa pazjent wieħed, però jgħid li dan kien jinżamm bejn 25 u 26. Bħala soluzzjoni iżda huma ċaqalqu lis-Sur Lancaster biex ma jkunx taħt l-arja kundizzjonata. Meta ġie mistoqsi hux minnu li bl-arja kundizzjonata żviluppa *hyperthermia,* ix-xhud jgħid li ma jiftakarx. Meta ġie mistoqsi hux minnu li kien jingħata yogurt bl-imgħarfa meta dan kien *nil-by-mouth*, ix-xhud jgħid li huwa qatt ma ra dan isir u li kieku ra hekk żgur kien jieħu azzjoni. Ġie mistoqsi dwar jekk huwiex minnu li kien ikun hemm riħa ta' ikel

imranġad peress li kien hemm pazjent li kien iżomm fdalijiet tal-ikel għal qtates. Ix-xhud wieġeb li dan huwa minnu però mhux darba u tnejn kien hu li neħħa l-fdalijiet tal-ikel li kien isiblu. Jgħid li kull darba li kien ixomm xi riħa huwa kien jieħu azzjoni.

32. Xehed **Dr Gerald Busuttil**, Urology Surgeon fejn spjega li huwa kien il-kirurgu li opera lil Lancaster l-isptar fejn neħħa l-materjal infettat. Kompla jispjega hekk: "Issa l-kawza ma kinitx kawza li gejja mis-sistema tal-urologija jigifieri Fournier's Gangrene mhux bilfors ghandha sors li huwa neurological [urological] jista' jkun anki sors li jkun gej minn organi ohrajn f'dik l-area li iktar komuni wara kawza urologika li hija l-ahhar parti tal-musrana li nghidulu rectum u fil-fatt l-infezjoni jidher li kienet bdiet minn hemm"[12]. Huwa kkonferma li l-maġġorparti tal-pazjenti li jagħmlu din l-operazzjoni jmorru l-ITU għaliex ikun hemm bżonn li jiġu stabilizzati. Ix-xhud spjega li kien hu li beda l-intervent peress li s-suspett kien li l-infezzjoni kienet ġejja mis-sistema uroloġika iżda imbagħad ta *over* lil General Surgeons peress li kienet taqa' taħt is-sezzjoni tagħhom u ċioe milli jiftakar kienet infjammazzjoni li bdiet mill-*ischio-rectal abscess* u ċioe "hija kollezzjoni ta' materja fil-fond jiġifieri mhux superfiċjali tkun fil-fond ma' ġenb ir-rectum, l-aħħar parti tal-musrana l-kbira u ħafna drabi l-infjammazzjoni tkun bdiet mill-aħħar parti tal-musrana l-kbira u mbagħad testendi fuq barra. Tifforma materja u eventwalment tista' tiżviluppa Fournier's Gangrene."[13] Meta ġie mistoqsi kemm idum biex tiżviluppa x-xhud qal hekk:

> "Din hija mistoqsija difficli hafna ghax l-infezjoni tista' tipprogressa vera malajr jigifieri l-kazijiet ta' Fournier's Gangrene ghalhekk isiru urgenti ghax fuq medda ta' ftit sighat tista' tara l-infjammazzjoni tizviluppa jigifieri tibda sinjali vera sottili, imma fi ftit sighat tkun diga ghamelt hafna hsara u l-pazjent jista' jkun ma jiflahx. Sfortunatament hija wahda minn dawk il-kundizzjonijiet li ma tantx turi sinjali fil-bidu ghax tkun tipikament ma tibdiex fil-gilda imma tibda iktar fil-fond jigifieri l-gilda hafna drabi tkun normali ghall-bidu allura minn barra mhux bilfors ikun jidher xi haga hazina imbaghad tizviluppa pjuttost malajr fuq medda ta' ftit sighat jew inkella forsi gurnata jew tnejn, tnejn forsi qed inkun naqra qed naghti timeframe twila biex tipprogressa ghal istat li sibna lil Mr Lancaster meta gie transferred.
>
> [...]

[12] Fol 345 – 346 tal-proċess.
[13] Fol 347 tal-proċess.

Nista' nikkoregi li l-parti privata ma kinitx involuta daqshekk hija l-area ta' taht il-parti privata li allavolja xorta tibqa' primarjament l-ewwel suspett kaz ta' urology turi wkoll li kienet indikazzjoni li seta' ma kienx kaz ta' urology. Is-soltu meta jkun Fournier's Gangrene gej minn infezjoni urologika jibda hafna drabi minn parti genitali jigifieri jkun infezzjoni jew tat-testikoli jew inkella wara xi operazzjoni urologika li primarjament jibda minn hemm. Il-fatt li kienet diga stat avvanzat ta' infezzjoni jfisser li l-infezzjoni setghet kienet severa imma kemm tipprogressa malajr l-infezzjoni huwa variable hafna jigifieri kemm tkun ilha li bdiet l-istarting point difficli tghid, ghax hawn min jipprogressa anki fuq ftit sighat 2/3 hours u hawn min idum iktar biex jasal f'dak l-istat u ma hemm l-ebda mod ezatt kif nista' nghid ghax jien l-ewwel darba li rajt il-pazjent dakinhar jigifieri x'gara kif prezenta, x'kienu s-sintomi qabel preciz ma nistax nghid ghax ma ltqajtx mal-pazjent qabel, kemm kien ilu ma jiflahx ma nistax inkun nghid."[14]

Ix-xhud insista li l-infezzjoni tibda f'post li huwa fil-fond fil-ġisem u allura sinjali superfiċjali ta' fejn inti tillokalizza l-problema mhux dejjem ikun hemm. Rigward *dehydration* ix-xhud jgħid li l-infezzjoni taffettwa mhux biss dik iż-żona iżda l-fiżjoloġija kollha tal-pazjent. Spjega li Lancaster ingħata l-antibijotiċi u fluwidi oħra fil-vina u dan huwa l-ewwel trattament li jingħata f'kull infezzjoni severa. Meta ġie mistoqsi dwar ir-riskju ta' mewt ta' din l-operazzjoni, ix-xhud jgħid li Fourner's Gangrene hija marda li għandha rata għolja ta' mortalità li tvarja bejn 30% u 60% u dan jiddependi fuq is-stat ta' saħħa tal-pazjent qabel tfaċċat il-problema, jiġifieri problemi tal-qalb, dijabete u kundizzjonijiet oħra ta' saħħa jistgħu jnaqqsu r-rispons tal-pazjent.

33. Xehed **Mr Jo Etienne Abela** fejn wara li għamel elenku tal-kura li l-pazjent ingħata l-isptar għamel is-segwenti sommarju: "*This co-morbid and poorly mobile 81 year old male was transferred to Mater Dei Hospital with sepsis and renal dysfunction secondary to a septic/necrotic process in the perineum and left ischio-rectal fossa. This could have possibly resulted from deterioration of a pressure sore in this region. He had timely intervention with intravenous fluids, antibiotics and surgical debridement. He received excellent care in the ITU. He was discharged from Mater Dei Hospital in a stable condition not requiring further surgical management. The discharge plan involving continued intravenous antibiotics and daily dressing change is sound and reasonable*."[15]

[14] Fol 347 – 348 tal-proċess.
[15] Fol 434 tal-proċess.

Ikkunsidrat

34. Meqjusa l-fatti kif ukoll ix-xhieda u d-dokumentazzjoni kollha jmiss li jiġu trattati l-eċċezzjonijiet u t-talbiet tal-partijiet.

**Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa mhux leġittimu kontradittur**

35. L-ewwel eċċezzjoni tal-imsemmi intimat Segretarju Permanenti taqra hekk:

> "Illi preliminarjament l-intimat ma hux legittimu kontradittur u ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi l-agir attakkat mir-rikorrenti huwa limitat ghal dak fil-konfront tal-allegat servizz moghti lid-defunt Leonard Lancaster gewwa r-Residenza San Vincenz de Paul, liema Residenza ma taqax taht it-tmexxija tad-Dipartiment tas-Sahha. In oltre illi huwa ma hux legittimu kontradittur u ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi anke fi kwalunkwe kaz l-agir attakkat huwa dak mediku klassifikat bhala diskrezzjoni klinika, liema agir ma jirispondix ghalih hu."

36. Waqt il-proċeduri odjerni dejjem saret distinzjoni bejn is-servizz mogħti mir-Residenza SPV u dak mogħti mill-istpar Mater Dei u li t-tmexxija u manzjonijiet jaqgħu taħt ministeri differenti. Mill-qari tal-premessi tar-rikors promotur jidher ċar li r-rikorrenti m'humiex qegħdin jilmentaw vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali relatati mal-kura li s-Sur Lancaster irċeva fl-Isptar Mater Dei iżda l-allegazzjonijiet tagħhom jirreferu għall-kura limitatament fis-sala St. Joseph 2 u ċioe allegat trattament ħażin u negliġenti mill-istaff tal-imsemmi ward u negliġenza da parti tal-immaniġġjar tal-istess Residenza.

37. Huma r-rikorrenti stess addirrittura li jipprovdu fin-nota ta sottomissjonijiet tal-11 t'April 2022 li:

> "r-rikorrenti la qeghdin ifittxu lill-Isptar Mater Dei u lanqas ghandhom lanjanzi fil-konfront ta' Loreto Ward staff. Il-kawza saret fuq it-trattament hazin u ttraskurat li Leonard Lancaster irceva f'St Joseph Ward 2, u ghalhekk qeghda ssir fil-konfront tal-management tar-Residenza SVP (1) inkwantu ghan-negligenza da parti tal-management; u (2) inkwantu ghat-trattament negligenti mill-Istaff ta' St Joseph Ward 2. Ta min izid ighid illi kien grazzi ghall-kura tajba da parti tal-Istaff kollu fl-Isptar Mater Dei li Leonard Lancaster baqa' haj minkejja l-incident serju ta'

Fournier's Gangrene, liema incident gie kkawzat u pprecipitat mill-Istaff ta' St. Joseph Ward 2."[16]

38. Illum il-ġurnata r-responsabbiltà tar-Residenza SVP taqa' taħt il-Ministeru għall-Anzjanità Attiva[17] tant li fit-23 ta' Mejju 2023 saret korrezzjoni fl-okkju sabiex ma jibqax jinqara Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali kif ukoll *Active Ageing* u iżda jiġi jaqra Segretarju Permanenti tal-Anzjanità Attiva.

39. Din l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa qiegħda għalhekk tiġi milqugħa, qed tiddikjarah li ma hux leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

Ikkunsidrat

**L-Eċċezzjoni tan-Non Eżawriment tar-Rimedji Ordinarji.**

40. Fl-ewwel eċċezzjoni tar-rimanenti intimati ġie eċċepiet hekk:

> "Illi preliminarjament jidher minn qari tar-rikors kostituzzjonali li r-rikorrenti ma humiex qegħdin ifittxu għal danni materjali u/jew pekunjarji iżda huma interessati biss li jirċievu danni morali jew aħjar danni mhux pekunjarji. Jekk però dawn il-proċeduri jiġu interpretati li r-rikorrenti qegħdin ifittxu wkoll li jitħallsu għad-danni materjali allura huma kellhom qabel xejn jirrikorru għar-rimedji ordinarji li tagħtihom il-liġi ċivili taħt l-artikolu 1031 et seq tal-kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta".

41. Waqt l-ewwel l-ewwel seduta tas-smigħ il-legali tas-Segretarju Permanenti – Familja u Solidarjetà Soċjali u l-Kap Eżekuttiv għamlu referenza għal din l-eċċezzjoni preliminari tagħhom u talbu sabiex ir-rikorrenti jindikaw biċ-ċar x'tip ta' danni qiegħed jintalab f'dawn il-proċeduri.

42. Il-legali tar-rikorrenti waqt l-istess seduta ivverbalizza hekk

---

[16] Fol 571 tal-proċess.

[17] https://www.gov.mt/en/Government/Government%20of%20Malta/Ministries%20and%20Entities/Pages/Ministries%202022/Elderly.aspx

"jattira l-attenzjoni tal-Qorti ghal dak li jintqal f'pagna 5 tar-rikors promotur fejn ir-rikorrent jindika car u tond illi l-procedura odjerna hija ghal rimedju kostituzzjonali u konvenzjonali. U meta fil-mument opportun jitratta l-eccezzjoni dwar l-ezawriment ta' rimedju ordinarji huwa ikun jista' juri bic-car illi, minghajr ma jithallew barra id-danni pekunjari, il-portata principali tal-kawza odjerna hija mmirata ghall-hlas ta' danni mhux pekunjari u danni morali. Ser jitratta wkoll il-punt illi l-Ligi ta' Malta tammetti biss danni materjali u ghalhekk hemm lacuna serja fil-Ligi taghna li tista' tolqot l-applikabilita tal-Art 13 tal-Konvenzjoni (Kap 319)."[18]

43. In segwietu għal din is-seduta ir-rikorrenti żiedu talba oħra li tirrigwarda l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni, liema talba ġiet kwotata aktar 'l fuq fejn saret referenza ukoll għar-risposta tal-intimati. Din it-talba ser tiġi trattata aktar 'l quddiem.

44. Fil-każ odjern ir-rikorrenti qegħdin jitolbu dikjarazzjoni ta' leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u rimedji għal tali allegat leżjoni. Din tallum ma hiex kawża għad-danni akwiljani jew għal danni kuntrattwali. Kieku kien hekk din il-Qorti ma kienx ikollha triq oħra ħlief li tiddikjara li l-mertu ma hux ta' kompetenza ta' qorti b'ġurisdizzjoni konvenzjonali jew kostituzzjonali.

45. F'dan is-sens qed tiddisponi minn din l-eċċezzjoni billi tiddikjara illi qed tikkonsidra l-kawża odjerna unikament bħala kawża għal dikjarazzjoni ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali u mhux bħala kawża ċivili għad-danni akwiljani jew għal danni kuntrattwali.

**Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**

46. Fit-tieni eċċezzjoni tagħhom l-intimati jagħmlu referenza għal dak li ingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur b'referenza għall-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

47. L-intimati għandhom raġun jeċċepixxu li l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni "ma jagħti l-eda dritt azzjonabbli li huwa enforzabbli quddiem il-Qrati tagħna." L-Artikolu 32 huwa kkunsidrat biss bħala artikolu introduttiv għal-lista ta' Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u wieħed dikjaratorju u mhux intiż sabiex jiġi invokat bħala dritt fundamentali per se. Għaldaqstant jista' bla tlaqliq jingħad li l-Artikolu 32 tal-

[18] Fol 24 tal-proċess. Enfasi tal-Qorti.

Kostituzzjoni ma jagħtix jedd sostantiv ta' ħarsien għall-ilmenti tar-rikorrenti għaliex huwa biss dikjarazzjoni ta' prinċipju.

48. Il-ġurisprudenza dwar dan il-punt hija kopjuża. Din il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għal sentenza **Patrick Ciantar et vs. Direttur tar-Registru Pubbliku et** mogħtija fid-29 ta' Ottubru 2020 mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fejn ġie ritenut li:

> "safejn l-ilment tar-rikorrenti jissejjes fuq ksur taħt l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni, għandu jingħad li, għalkemm l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni jagħmel parti mill-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni, ma jistax jingħad li fih innifsu jħares xi jedd speċifiku: huwa artikolu li "jelenka d-drittijiet u libertajiet fondamentali ta' l-individwu protetti mill-Kostituzzjoni … u jagħmel riferenza għal-limitazzjonijiet ta' dik il-protezzjoni kif jinsabu f'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Kostituzzjoni" [Kost. 30.11.1977 fil-kawża fl-ismijiet Dr Walter Cuschieri et vs Onor. Prim Ministru; u P.A. Kost. 14.5.2015 fil-kawża fl-ismijiet Bernard Gauċi pro et noe vs Kummissarju tal-Artijiet et (konfermata mill-Q. Kost. fid-19.4.2016)]. Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li l-imsemmi artikolu huwa tabilħaqq dikjarazzjoni ta' prinċipji imma mhuwiex esegwibbli bħala dispożizzjoni li tagħti ħarsien ta' jedd speċifiku kif jissemma fl-artikoli l-oħrajn ta' warajh u li jagħmlu mill-istess Kapitolu IV. Dan huwa l-qofol tal-ewwel eċċezzjoni tal-intimati [fis-sens li "l-artikoli 32 [...] tal-Kostituzzjoni mhumiex fost dawk l-artikoli li jagħtu jedd ta' azzjoni quddiem qorti b'setgħat kostituzzjonali."], u l-Qorti tqis li għandha mis-sewwa għaldaqstant sejra tilqagħha;"[19]

49. Din il-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li saret referenza għall-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni fir-rikors promotur imressaq mir-rikorrenti, ma saret ebda talba mir-rikorrenti imsejsa fuq dan l-artikolu u għalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni.

Ikkunsidrat;

**Interess ġuridiku, dak li fil-ġurisprudenza tal-QEDB jissejjaħ *victim status***

50. Din hija azzjoni mressqa minn "qraba u werrieta tal-mejjet Leonard Thomas Lancaster". Fit-tieni talba r-rikorrenti qegħdin jitolbu dikjarazzjoni ta' leżjoni ta'

---

[19] Ara wkoll **Benjamin Testa et vs. Avukat Generali et** deċiża mill-Prim'Awla, Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-30 ta' Mejju 2019.

drittijiet ta’ persuna li meta ġiet intavolata din l-azzjoni dik il-persuna kienet diġà mejta. Fit-tielet talba imbagħad qed jitolbu dikjarazzjoni ta’ leżjoni soferta minnhom.

51. Ikun għaqli li qabel tgħaddi sabiex tittratta l-mertu, tagħmel ftit osservazzjonijiet dwar l-interess ġuridiku tar-rikorrenti f’din l-azzjoni.

52. Huwa risaput li l-element tal-interess ġuridiku fil-kuntest ta’ kawżi għat-tfittxija ta’ drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem huwa marbut mal-kunċett ta’ vittma. Dan il-kunċett f’termini konvenzjonali huwa meqjus li hu wieħed awtonomu, li jingħata interpretazzjoni mill-Qorti Ewropea (QEDB) indipendentement mill-interpretazzjoni mogħtija fil-liġi domestika.

53. In tema legal tagħmel referenza għal dak li ingħad mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (minn issa ‘l quddiem QEDB) rigwardanti l-*victim status* u r-rappreżentanza f’dawn il-proċeduri. Dan il-punt ġie meqjus fid-dettal fil-kawża **Centre for Legal Resources v. Romania** (Appl Nru 47848/08) deċiża fis-17 ta’ Lulju 2014:

> *“(i) Direct victims*
> 96. In order to be able to lodge an application in accordance with Article 34, an individual must be able to show that he or she was “directly affected” by the measure complained of (see *Burden v. the United Kingdom* [GC], no. 13378/05, § 33, ECHR 2008, and *İlhan v. Turkey* [GC], no. 22277/93, § 52, ECHR 2000-VII). This is indispensable for putting the protection mechanism of the Convention into motion, although this criterion is not to be applied in a rigid, mechanical and inflexible way throughout the proceedings (see *Karner*, cited above, § 25, and *Fairfield and Others v. the United Kingdom* (dec.), no. 24790/04, ECHR 2005-VI).
>
> Moreover, in accordance with the Court’s practice and with Article 34 of the Convention, applications can only be lodged by, or in the name of, individuals who are alive (see *Varnava and Others v. Turkey* [GC], nos. 16064/90, 16065/90, 16066/90, 16068/90, 16069/90, 16070/90, 16071/90, 16072/90 and 16073/90, § 111, ECHR 2009). Thus, in a number of cases where the direct victim has died prior to the submission of the application, the Court has not accepted that the direct victim, even when represented, had standing as an applicant for the purposes of Article 34 of the Convention (see *Aizpurua Ortiz and Others v. Spain*, no. 42430/05, § 30, 2 February 2010; *Dvořáček and*

*Dvořáčková v. Slovakia*, no. 30754/04, § 41, 28 July 2009; and *Kaya and Polat v. Turkey* (dec.), nos. 2794/05 and 40345/05, 21 October 2008).

*(ii) Indirect victims*

97. Cases of the above-mentioned type have been distinguished from cases in which an applicant's heirs were permitted to pursue an application which had already been lodged. An authority on this question is *Fairfield and Others* (cited above), where a daughter lodged an application after her father's death, alleging a violation of his rights to freedom of thought, religion and speech (Articles 9 and 10 of the Convention). While the domestic courts granted Ms Fairfield leave to pursue the appeal after her father's death, the Court did not accept the daughter's victim status and distinguished this case from the situation in *Dalban v. Romania* ([GC], no. 28114/95, ECHR 1999-VI), where the application had been brought by the applicant himself, whose widow had pursued it only after his subsequent death.

In this regard, the Court has differentiated between applications where the direct victim has died after the application was lodged with the Court and those where he or she had already died beforehand.

[…]

98. However, the situation varies where the direct victim dies *before* the application is lodged with the Court. In such cases the Court has, with reference to an autonomous interpretation of the concept of "victim", been prepared to recognise the standing of a relative either when the complaints raised an issue of general interest pertaining to "respect for human rights" (Article 37 § 1 *in fine* of the Convention) and the applicants as heirs had a legitimate interest in pursuing the application, or on the basis of the direct effect on the applicant's own rights (see *Micallef v. Malta* [GC], no. 17056/06, §§ 44-51, ECHR 2009, and *Marie-Louise Loyen and Bruneel v. France*, no. 55929/00, §§ 21-31, 5 July 2005). The latter cases, it may be noted, were brought before the Court following or in connection with domestic proceedings in which the direct victim himself or herself had participated while alive.

Thus, the Court has recognised the standing of the victim's next of kin to submit an application where the victim has died or disappeared in circumstances allegedly engaging the responsibility of the State (see *Çakıcı v. Turkey* [GC], no. 23657/94, § 92, ECHR 1999-IV, and *Bazorkina v. Russia* (dec.), no. 69481/01, 15 September 2005).

99. In *Varnava and Others* (cited above) the applicants lodged the applications both in their own name and on behalf of their disappeared relatives. The Court did not consider it necessary to rule on whether the missing men should or should not be granted the status of applicants since, in any event, the close relatives of the missing men were entitled to raise complaints concerning their disappearance (ibid., § 112). The Court examined the case on the basis that the relatives of the missing persons were the applicants for the purposes of Article 34 of the Convention.

100. In cases where the alleged violation of the Convention was not closely linked to disappearances or deaths giving rise to issues under Article 2, the Court's approach has been more restrictive, as in the case of *Sanles Sanles v. Spain* ((dec.), no. 48335/99, ECHR 2000-XI), which concerned the prohibition of assisted suicide. The Court held that the rights claimed by the applicant under Articles 2, 3, 5, 8, 9 and 14 of the Convention belonged to the category of non-transferable rights, and therefore concluded that the applicant, who was the deceased's sister-in-law and legal heir, could not claim to be the victim of a violation on behalf of her late brother-in-law. The same conclusion has been reached in respect of complaints under Articles 9 and 10 brought by the alleged victim's daughter (see *Fairfield and Others*, cited above).

In other cases concerning complaints under Articles 5, 6 or 8 the Court has granted victim status to close relatives, allowing them to submit an application where they have shown a moral interest in having the late victim exonerated of any finding of guilt (see *Nölkenbockhoff v. Germany*, 25 August 1987, § 33, Series A no. 123, and *Grădinar v. Moldova*, no. 7170/02, §§ 95 and 97-98, 8 April 2008) or in protecting their own reputation and that of their family (see *Brudnicka and Others v. Poland*, no. 54723/00, §§ 27-31, ECHR 2005-II; *Armonienė v. Lithuania*, no. 36919/02, § 29, 25 November 2008; and *Polanco Torres and Movilla Polanco v. Spain*, no. 34147/06, §§ 31-33, 21 September 2010), or where they have shown a material interest on the basis of the direct effect on their pecuniary rights (see *Ressegatti v. Switzerland*, no. 17671/02, §§ 23-25, 13 July 2006; and *Marie-Louise Loyen and Bruneel*, §§ 29-30; *Nölkenbockhoff*, § 33; *Grădinar*, § 97; and *Micallef*, § 48, all cited above). The existence of a general interest which necessitated proceeding with the consideration of the complaints has also been taken into consideration (see *Marie-Louise Loyen and Bruneel*, § 29; *Ressegatti*, § 26; *Micallef*, §§ 46 and 50, all cited above; and *Biç and Others v. Turkey*, no. 55955/00, §§ 22-23, 2 February 2006).

54. Relevanti huwa wkoll dak li ingħad mill-QEDB fil-kawża fl-ismijiet **Micallef v. Malta** (Appl Nru 17056/06) deċiża fil-15 t'Ottubru 2009:

> **"**47. The Court normally permits the next of kin to pursue an application provided he or she has sufficient interest, where the original applicant has died after the introduction of the application before the Court (see *Malhous*, cited above). However, the situation varies where the direct victim dies before bringing his or her complaint before the Court (see *Fairfield v. the United Kingdom* (dec.), no. 24790/04, ECHR 2005-VI)."

55. Bħala linja ġenerali ma hux konsentit li persuna tiftaħ kawża sabiex jiġi dikjarat li nkisru il-jeddijiet fundamentali ta' persuna mejta għaż-żmien li kienet ħajja. Dan ġie miżmum mill-QEDB fil-kawżi bl-ismijiet **Aizpurua Ortiz and Others v. Spain**, deċiża fit-2 ta' Frar 2010 (para. 30) kif ukoll **Dvořáček and Dvořáčková v. Slovakia**, 28 ta' Lulju 2009 (para 37 sa 41). Però il-QEDB ippermettiet f'ċerti ċirkostanzi li jitressqu kawżi minn qraba tal-vittma li jkun miet f'ċirkostanzi fejn il-mewt tkun l-effett dirett tal-ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-mejjet. Ġabra tal-ġurisprudenza f'dan ir-rigward tinstab fil-*Practical Guide on Admissibility Criteria* (l-aħħar aġġornat fit-28 ta' Frar 2023):

> "29. If the alleged victim of a violation has died before the introduction of the application, it may be possible for the person with the requisite legal interest as next-of-kin to introduce an application raising complaints related to the death or disappearance of his or her relative (Varnava and Others v. Turkey [GC], § 112). This is because of the particular situation governed by the nature of the violation alleged and considerations of the effective implementation of one of the most fundamental provisions in the Convention system (Fairfield v. the United Kingdom (dec.), 2005).
>
> 30. In such cases, the Court has accepted that close family members, such as parents, of a person whose death or disappearance is alleged to engage the responsibility of the State can themselves claim to be indirect victims of the alleged violation of Article 2, the question of whether they were legal heirs of the deceased not being relevant (Van Colle v. the United Kingdom, § 86; Tsalikidis and Others v. Greece, 2017, § 64; Kotilainen and Others v. Finland, 2020, §§ 51-52).

31. The next-of-kin can also bring other complaints, such as under Articles 3 and 5 of the Convention on behalf of deceased or disappeared relatives, provided that the alleged violation is closely linked to the death or disappearance giving rise to issues under Article 2.

[...]

33. In cases where the alleged violation of the Convention was not closely linked to the death or disappearance of the direct victim the Court's approach has been more restrictive (Karpylenko v. Ukraine, 2016, § 104, A and B v. Croatia, 2019, §§ 88-91). The Court has generally declined to grant standing to any other person unless that person could, exceptionally, demonstrate an interest of their own (Nassau Verzekering Maatschappij N.V. v. the Netherlands (dec.), 2011, § 20). [...]

34. As regards complaints of ill-treatment of deceased relatives under Article 3 of the Convention, the Court has accepted the locus standi of applicants in cases where the ill-treatment was closely linked to the death or the disappearance of their relatives (Karpylenko v. Ukraine, 2016, § 105; Dzidzava v. Russia, 2016, § 46). The Court has also affirmed that it may recognise the standing of applicants who complain about ill-treatment of their late relative if the applicants show either a strong moral interest, besides the mere pecuniary interest in the outcome of the domestic proceedings, or other compelling reasons, such as an important general interest which requires their case to be examined (Boacă and Others v. Romania, 2016, § 46; Karpylenko v. Ukraine, 2016, § 106; see also Stepanian v. Romania, 2016, §§ 40-41; Selami and Others v. the former Yugoslav Republic of Macedonia, 2018, §§ 58-65)."

56. Għalhekk dwar il-kweżit jekk r-rikorrenti għandhomx *'an indirect victim status'* dwar it-tieni talba tagħhom fejn qed jitolbu lill-Qorti "tiddikjara li Leonard Thomas Lancaster sofra vjolazzjonijiet ta' l-Artikolu 2, 3 u 8 tal-Konvenzjoni", il-Qorti tiddikjara illi fir-rigward tal-Artikolu 2 (Dritt għall-Ħajja) u fir-rigward Artikolu 3 (Ħarsien minn Tortura, Trattament Inuman,) jiddependi jekk dak allegat mir-rikorrenti jikkostitwixxiex ksur tal-jedd fundamentali invokat li wassal għall-mewt ta' missierhom.

57. Fir-rigward ta' Artikolu 8 (Ħarsien tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja) ir-rikorrent ċertament li ma għandhomx "an indirect victim status" u għalehkk it-tieni talba attriċi in kwantu msejsa fuq Artikolu 8 qed tiġi riġettata.

**Allegat leżjoni tad-Dritt tad-Decuius protett bl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni**

58. Ir-rikorrenti jallegaw li meta kienu għadu ħaj missierhom ġie miksur il-jedd tiegħu għall-ħajja kif protett bl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni liema artikolu jaqra kif isegwi:

> **"(1) Id-dritt għall-ħajja ta' kulħadd għandu jiġi protett b'liġi. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-ħajja tiegħu intenzjonalment ħlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta' qorti wara li jiġi misjub ħati ta' delitt li dwaru tkun provduta mil-liġi din il-piena.**
>
> **(2) Il-privazzjoni tal-ħajja ma għandhiex titqies bħala magħmula bi ksur ta' dan l-Artikolu meta jirriżulta mill-użu ta' forza li ma jkunx aktar minn dak li jkun assolutament meħtieġ:**
> **(a) fid-difiża ta' xi persuna minn vjolenza illegali;**
> **(b) sabiex jiġi effettwat arrest skont il-liġi jew tiġi evitata l-ħarba ta' xi persuna detenuta skont il-liġi;**
> **(ċ) f'azzjoni meħuda skont il-liġi sabiex tiġi megħluba rewwixta jew insurrezzjoni."**

59. Dan l-artikolu jipprovdi dwar il-ħarsien tal-ħajja ta' persuna, li huwa meqjus bħala l-ogħla jedd għaliex jolqot il-qalba tat-tgawdija tal-jeddijiet li persuna jista' jkollha u li tista' tgawdihom biss u sakemm għadha ħajja. Huwa artikolu li joħloq kemm obbligazzjoni 'passiva' fuq l-iStat (fis-sens li ma għandu jagħmel xejn biex iġarrab il-ħajja ta' persuna) u kif ukoll obbligazzjoni 'pożittiva' li jwettaq miżuri li jħarsu l-ħajjiet tal-persuni u jinkorporaw ir-regola tal-proporzjonalità stretta. Għaldaqstant l-Istat għandu dmir qawwi li jħares b'mod effettiv dan il-jedd u li l-eċċezzjonijiet għalih huma dawk preskritti mil-liġi. Kif jiġi muri aktar 'l quddiem huwa stabbilit li dawn l-obbligazzjonijiet 'pożittivi' jgħoddu wkoll fil-qasam tas-saħħa pubblika u tas-sigurtà pubblika, bl-Istat iwieġeb kemm għal għemejjel jew kif ukoll għal nuqqasijiet (ommissjonijiet) ta' miżuri f'waqthom u benefiċċjali f'dan ir-rigward. Minħabba f'hekk, jidħol fis-seħħ l-aspett 'proċedurali' tal-obbligu tal-Istat li jħares ħajjet in-nies u li dan l-obbligu huwa maqtugħ għalih u awtonomu mill-obbligazzjoni sostantiva li taqa' fuq l-Istat f'każ ta' ksur tal-Artikolu 2. Dan l-obbligu jikkonsisti fil-possibilità li ssir investigazzjoni effettiva tal-allegat leżjoni fl-'obbligazzjoni passiva'.

60. L-intimati irribattew għal dan l-ilment billi eċċipew li "ebda wieħed minnhom ma neħħa jew prova jneħħi b'mod intenzjonali l-ħajja ta' Leonard Lancaster. Tabilħaqq l-intimati lanqas b'mod indirett jew passiv ma jistgħu jitqies bħala responsabbli għall-

mewt ta' Leonard Thomas Lancaster."[20] Għal din l-eċċezzjoni, ir-rikorrenti irribattew fin-nota ta' sottomissjonijiet li huma "qatt ma qalu li Leonard inqatel jew li ppruvaw joqtluh intenzjonalment. Ir-rikorrenti qeghdin jikkontendu li thalla jasal f'qaghda kritika, fejn kien jinsab f'xifer ta' mewt meta gie ttrasferit lejn l-Isptar Mater Dei [...]"[21]

61. Din il-Qorti tibda billi tosserva li l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni jgħodd ukoll fejn, għalkemm ma jkunx hemm telf tal-ħajja, jirriżultaw ċirkostanzi fejn ħajjet il-persuna tkun jew kienet f'periklu imminenti jew inevitabbli. Dan jemerġi minn dak li ingħad mill-QEDB fil-kawża fl-ismijiet **Trzepalko v. Poland** (Appl Nru. 25124/09) mogħtija fit-13 ta' Settembru 2011:

> "Admittedly the first sentence of Article 2 enjoins the State not only to refrain from the intentional and unlawful taking of life, but also to take appropriate steps to safeguard the lives of those within its jurisdiction (see, among other authorities, *L.C.B. v. the United Kingdom*, 9 June 1998, § 36, *Reports of Judgments and Decisions* 1998-III; *Jasińska v. Poland*, no. 28326/05, § 57, 1 June 2010). The Court accepts that it cannot be excluded that the acts and omissions of the authorities in the field of health care policy may in certain circumstances engage their responsibility under the positive limb of Article 2. However, where a Contracting State has made adequate provision for securing high professional standards among health professionals and the protection of the lives of patients – which was not contested in the present case – it cannot accept that matters such as error of judgment on the part of a health professional or negligent co-ordination among health professionals in the treatment of a particular patient, assuming such to have been established, are sufficient of themselves to call a Contracting State to account from the standpoint of its positive obligations under Article 2 of the Convention to protect life (see *Powell v. the United Kingdom* (dec.), no. 45305/99, ECHR 2000-V)."

62. Fil-każ odjern ir-rikorrenti m'humiex jilmentaw li ġiet leża l-branka tal-Artikolu 2 li tirrigwarda l-obbligazzjonijiet proċedurali tal-iStat. Mhux qiegħed jiġi allegat per eżempju mir-rikokrrenti li l-istat naqas milli jipprovdi għall-possibilità ta' investigazzjoni jew proċeduri ġudizzjarji oħra fil-ħarsien tal-jedd protett bl-Artikolu 2. Il-Qorti tfakkar li l-obbligazzjoni proċedurali taħt l-Artikolu 2 hija distinta mill-

[20] Fol 11, eċċezzjoni numru tlieta.
[21] Fol 737 tal-proċess.

obbligazzjoni tal-Istat taħt l-Artikolu 13. Dan ġie spjegat mill-QEDB fil-kawża **Silih v. Slovenia** (Appl Nru 71463/01) deċiża fid-9 t'April 2009:

> "153. The Court recalls that procedural obligations have been implied in varying contexts under the Convention (see, for example, *B. v. the United Kingdom*, 8 July 1987, § 63, Series A no. 121; *M.C. v. Bulgaria*, no. 39272/98, §§ 148-153 , ECHR 2003-XII; and *Cyprus v. Turkey* [GC], no. 25781/94, § 147, ECHR 2001-IV) where this has been perceived as necessary to ensure that the rights guaranteed under the Convention are not theoretical or illusory, but practical and effective (*İlhan v. Turkey* [GC], no. 22277/93, § 91, ECHR 2000-VII). In particular, the Court has interpreted Articles 2 and 3 of the Convention, having regard to the fundamental character of these rights, as containing a procedural obligation to carry out an effective investigation into alleged breaches of the substantive limb of these provisions (*McCann and Others*, cited above, §§ 157-64; *Ergi v. Turkey*, 28 July 1998, § 82, *Reports* 1998-IV; *Mastromatteo v. Italy* [GC], no. 37703/97, § 89, ECHR 2002-VIII; and *Assenov and Others v. Bulgaria*, 28 October 1998, §§ 101-06, *Reports* 1998-VIII).
>
> 154. The Court notes the State's obligation to carry out an effective investigation or to provide for the possibility of bringing civil or criminal proceedings as may be appropriate to the case (*Calvelli and Ciglio v. Italy* [GC], no. 32967/96, § 51, ECHR 2002-I) has in the Court's case-law been considered as an obligation inherent in Article 2 which requires, *inter alia*, that the right to life be "protected by law". Although the failure to comply with such an obligation may have consequences for the right protected under Article 13, the procedural obligation of Article 2 is seen as a distinct obligation (see *Öneryıldız v. Turkey* [GC], no. 48939/99, § 148, ECHR 2004-XII; and *İlhan*, cited above, §§ 91-92)."

63. Fil-kawża odjerna r-rikorrenti qegħdin jilmentaw minn leżjoni taħt il-branka sostantiva tal-Artikolu 2 stante li huma qed jallegaw li ġie miksur il-jedd tad-dritt tal-ħajja ta' missierhom protett bl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni.

64. Fin-nota ta' sottomissjoinijiet tagħhom ir-rikorrenti jgħidu li "huma qatt ma qalu li Leonard inqatel jew li ppruvaw joqtluh intenzjonalment. Ir-rikorrenti qeghdin jghidu li thalla jasal f'qaghda kritika, fejn kien jinsab f'xifer il-mewt meta gie ttrasferit lejn l-isptar Mater Dei...." Dan huwa l-ilment tar-rikorrenti.

Il-Qorti tosserva li l-QEDB fil-kawża suċċitata **Trzepalko v. Poland** (Appl Nru 25124/09) qieset li ġaladarba ma ġiex allegat li l-vjolazzjoni tad-dritt tal-ħajja ma kienx wieħed intenzjonat, u ġaladarba l-leżjoni allegata hija indirizzata lejn negliġenza u mhux lejn aġir intenzjonat sabiex titneħħa l-ħajja, ma teżisti l-ebda vjolazzjoni taħt Artikolu 2:

> "28. The applicant did not allege that the infringement of the right to life of his daughter was caused intentionally but resulted from the negligence of the health professionals. In particular, he argued that the medical treatment of his daughter was inadequate and that the medical personnel failed to react promptly to her worsening condition. Therefore, in the Court's opinion, the most suitable avenue for seeking to establish whether his daughter's death was attributable to shortcomings in the medical care she received would be a civil action in negligence against the hospital and/or the doctors. The applicant appears not to have pursued that remedy, which could have shed light on the circumstances of his daughter's death and the extent of the doctors' responsibility seen against the civil standard of proof."

65. Ir-rikorrenti jallegaw li ħajjet missierhom tpoġġiet f'perikolu ċar meta irriżulta li kellu :

- Hypothermia li waslet għal *chest infection*
- Ulċera fil-ħalq jew infezzjoni fil-ħalq
- Nil-by-mouth
- Fournier gangrene li qiegħdet lis-Sur Lancaster f'xifer il-mewt
- Heel sores
- Dehydration

66. Fl-20 ta' Lulju 2014, is-Sur Lancaster ġie ammess ġewwa l-isptar Mater Dei u dan wara li waqt li l-*careers* f'San Vincenz kienu qegħdin jaħsluh filgħodu l-infermier innota li kien hemm ħmura fil-*perineum*. Ġiet imsejħa t-tabiba u hemm hija sabet li kien qiegħed ibagħti minn dak hekk imsejjaħ **Fournier gangrene**. Immedjatament intbagħat l-isptar għal kura meħtieġa.

67. Il-perit mediku spjega hekk dwar il-*Fournier's Gangrene*

"Din it-tip ta' problema li magħrufa ukoll bħala Necrotizing fasciitis hija forma ta' infezzjoni qawwija u distruttiva li tinvolvi l-ġilda, ix-xaħam u il-fascia. Il-muskoli ta taħt mhumiex involuti. Hija problema li tipprogressa malajr. Il-pazjent jkun jidher fi stat mhux tajjeb, jkollu d-deni u l-parti involuta tkun iebsa u ħamra. Jista jkun hemm il-gas taht il-gilda (li huwa sinjal ħażin ħafna). Imbagħad jibdew jifformaw irqajja ta' nekrożi fil-ġilda. Trattament jikkonsisti fi antibiotiċi qawwijien u kirurġija urġenti u estensiva tal-parti kollha involuta. Iċ-ċans ta' mewt minn din il-kundizzjoni hija għolja ħafna. Din il-kundizzjoni tista tiġi mix-xejn. Predispożizzjonijiet għalija jinkludu: diabete, ħxuna, steroids u defiċenza ta' l-immunita.

Din il-problema mihiex xi ħaġa komuni. Tista tgħaddi min karriera sħiħa ta' tabib mingħajr qatt ma tara kas wieħed. Għalhekk illi tistenna illi t-tabib kuranti li kien hemm ir-Residenza San Vinċenz de Paule kellu bil-fors identifika x'kienet il-kundizzjoni u jagħmel id-dianjosi hija daqsxejn wisq. Il-prattika medika tajba tgħidlek illi dak illi huwa importanti huwa illi it-tabib jidentifika li hemm problema, li hija serja u din trid tieħu azzjoni immedjata fuqa."[22]

68. Prova pertinenti hija dak li ingħad minn Mr. Gerald Busuttil, il-kirurgu li beda l-operazzjoni fuq is-Sur Lancaster ġewwa l-isptar Mater Dei. Huwa spjega li l-infjammazzjoni bdiet mill-*ischiorectal abscess*,. Spjega li kien hemm materja fuq in-naħa ta' ġewwa ma ġenb ir-*rectum* imbagħad estendiet għal barra sabiex ifformat materja u eventwalment Fournier's Gangrene. Ix-xhud insista li l-infezzjoni tibda f'post li huwa fil-fond fil-ġisem u allura sinjali superfiċjali ta' fejn wieħed jillokalizza l-problema mhux dejjem ikun hemm. Mr. Busuttil spjega wkoll li l-infezzjoni tista' tipprogressa vera malajr tant li jkun hemm każijiet ta' Fournier's Gangrene li jirriżultaw fi ftit sigħat, fejn is-sinjali tagħha huma vera sottili iżda f'dawk il-ftit sigħat tkun diġà għamlet ħafna ħsara. Fix-xhieda tiegħu Mr Busuttil spjega aktar minn darba li Fournier gangrene hija waħda minn dawk il-kundizzjonijiet li ma tantx turi sinjali fil-bidu għax ma tibdiex mill-ġilda imma tibda iktar fil-fond u allura ġaladarba l-ġilda ħafna drabi tkun normali mhux bilfors ikun jidher li hemm xi ħaġa ħażina. Li jiġri imbagħad huwa li tiżviluppa pjuttost malajr fuq medda ta' ftit sigħat jew inkella forsi ġurnata jiddependi s-saħħa tal-pazjent.

[22] Fol 641 tal-proċess.

69. Ir-rikorrenti mhux qegħdin ikunu korretti meta jgħidu li Mr. Gerald Busuttil qal li l-gangrene ħadet żmien twil sabiex tiżviluppa fil-każ ta' Leonard Lancaster. Bi preċiżjoni Mr. Busuttil qal hekk:

> "Il-fatt li kienet diga stat avvanzat ta' infezzjoni jfisser li l-infezzjoni setghet kienet severa imma kemm tipprogressa malajr l-infezzjoni huwa variable hafna jigifieri kemm tkun ilha li bdiet l-istarting point difficli tghid, ghax hawn min jipprogressa anki fuq ftit sighat 2/3 hours u hawn min idum iktar biex jasal f'dak l-istat u ma hemm l-ebda mod ezatt kif nista' nghid ghax jien l-ewwel darba li rajt il-pazjent dakinhar jigifieri x'gara kif prezenta, x'kienu s-sintomi qabel preciz ma nistax nghid ghax ma ltqajtx mal-pazjent qabel, kemm kien ilu ma jiflahx ma nistax inkun nghid."[23]

B'ebda tiġbid ta' interpretazzjoni ma jista' jingħad li Mr. Busuttil ikkonkluda li l-gangrene ħadet iż-żmien sabiex tiżviluppa.

70. Ir-rikorrenti jinsistu li l-Fournier gangrene poġġiet lis-Sur Lancaster f'**xifer il-mewt** u dan kollu minħabba negliġenza tal-infermiera fis-Sala ta' San Ġużepp 2. Mill-atti, b'mod partikolari mix-xhieda ta' Mr. Busuttil jirriżulta li Fourner's Gangrene hija marda li għandha rata għolja ta' mortalità li tvarja bejn 30% u 60% u dan jiddependi fuq is-stat ta' saħħa tal-pazjent qabel tfaċċat il-problema, fejn problemi tal-qalb, dijabete u kundizzjonijiet oħra ta' saħħa jistgħu jnaqqsu r-rispons tal-pazjent.

71. Ġie spjegat minn diversi xhieda mressqa mir-rikorrenti stess li l-età tas-Sur Lancaster (età ta' 81 sena) u l-qagħda tas-saħħa tiegħu huma fatturi importanti ħafna sabiex jiddetermina r-rata ta' rispons. Ingħad mix-xhieda mressqa waqt il-prosegweiment tal-kawża li persuna 'l fuq minn 75 sena tkun vulnerabbli ferm, tant li anke influwenza tista' tqiegħda f'xifer il-mewt.[24]

72. Il-Qorti tqis li kull intervent kirurġiku, hi x'inhi l-età tal-pazjent, għandha r-riskji (għalkemm f'livelli differenti) u kollha jkollhom rata ta' mortalità, uħud aktar għoljin minn oħrajn. Jidher mill-atti li r-rata ta' mortalità tal-fournier gangrene hija waħda għolja u meqjusa l-età tas-Sur Lancaster u l-kundizzjoni ta' saħħtu, kien pass diliġenti

---

[23] Fol 347 – 348 tal-proċess.
[24] Ara wkoll https://www.cdc.gov/flu/pdf/freeresources/seniors/seniors-vaccination-factsheet-final.pdf

ferm li r-rikorrenti ngħataw l-informazzjoni kollha pertinenti, inkluż il-possibilità li l-operazzjoni ma jkollhiex suċċess.

73. Dan magħdud u anke meqjus il-persentaġġ għoli ta' ta' rata ta' mortalità, l-operazzjoni fuq is-Sur Lancaster kienet ta' suċċess. Il-fatt waħdu li s-Sur Lancaster ittieħed fit-taqsima ta' kura intensiva (ITU) wara l-operazzjoni m'hijiex indikazzjoni li l-operazzjoni ma kinitx ta' suċċess iżda hija prekawzjoni meħuda mit-tobba minħabba l-portata tal-operazzjoni li wara jkun meħtieġ kura apposta u superviżjoni aktar frekwenti. Mil-fajls mediċi tas-Sur Lancaster jirriżulta li wara l-operazzjoni huwa baqa' stabbli, il-ferita kienet nadifa u fil-25 ta' Lulju 2014 ġie liċenzjat minn Mater Dei u intbagħat lura r-Residenza SVP.

74. Għal kull buon fini l-Qorti tosserva wkoll li s-Sur Lancaster ma mietx kawża tal-Fournier gangrene imma kawża ta' cerebellar stroke.

75. Il-Qorti ma sib xejn fondat fl-allegazzjoni tar-rikorrenti li f'San Vincenz ħajjet missierhom tpoġġiet f'riskju gravi. Għall-kuntrarju ssib li rriżulta bil-maqlub ta' dak li allegaw ir-rikorrenti. L-azzjoni immedjata tal-infermiera kif ukoll tat-tabiba wassal fil-fatt sabiex is-Sur Lancaster ikun jista' jkompli jgawdi kif jista' l-familja tiegħu għal perjodu itwal.

76. Ir-rikorrenti jagħmlu referenza għal **heel necrosis.** L-**espert mediku** jagħmel is-segwenti osservazzjonijiet dwar din il-kwistjoni:

> "Nibda biex ngħid illi l-ewwel dokumentazzjoni li nixtieq insemmi illi meta iddaħħal fl-isptar Mater Dei fit-tlieta u għoxrin ta' Mejju ta l-elfejn u erbatax, meta kien mibgħut mit-tabib kuranti tiegħu Dr. Lawrence Fenech, u ġie eżaminat fl-isptar huwa iddokumentat illi ma kienx hemm l-ebda *pressure sore*. Jidher illi fin-*Nursing Report* ta' San Vinċenż ġie innotat illi fil-ħmistax ta' Lulju ta 2014, kienu qiegħed jagħmlulha '*protective bandagaes over the* heels' però qatt ma jissemma gnagrne on heels. Mrs. Fiorini tgħid biss fix-xhieda tagħha: '*Query pain management as patient has sores on heels'.* Hija ma tgħidx illi qalet dan għax

rathom jew għax kien muġugħ f'saqajh, hija assumiet illi kellu is-'sores'. Però qatt ma issemmiet il-kelma 'gangrene'.

Jekk din il-problema kinitx hemm jew le diffiċli biex wieħed jgħid imma kienu qegħdin jittieħdu l-prekawzjonijiet billi jitqiegħdu il-'*protective bandages'.* L-ewwel darba li ġiet iddokumnetnata il-kelma 'gangrene' kien fl-ITU form tal-isptar Mater Dei fil-wieħed u għoxrin ta' Lulju – *Necrotic sores on heels* ureġġħu ġew ikkonfermati għal darb'oħra fl-*audit assessment nursing form* ta' l-istess sptar MDH fit-tlieta u għoxrin ta' Lulju tal-istess snea *'both heels necrotic'* u fin-noti ta' wara l-operazzjoni fl-erba u għoxrin ta' Luju '*bilateral dry gangrene of heels'*. Però illi huwa interessanti li tinnota illi f'dokumentazzjoni ta' San Vinċenz de Paul tal-25 Lulju 2014 [...] ġie innotat: '*R: Heel – skin intact, discolouration; L. Heel – dry, necrotic*."[25]

77. Mir-rapport tal-infermiera tas-26 ta' Lulju ir-rakkomandazzjoni kienet li "*to leave dry and apply protective foam dressing."*[26]

78. L-espert mediku spjega li

"meta persuna tkun kkonfinata fis-sodda u speċjalment meta ma tkunx qieghda tiċċaqlaq ħafna u tkun toqgħod f'posizzjoni waħda, jkun hemm riskju kbir illi jistgħu jinqalaw problemi fuq il-pressure points tal-ġisem. Il-partijiet tal-ġisem illi huma soġġetti ħafna jinkludu is-sacrum u l-għarqbejn. Il-problema tibda l-ewwel bi ħmura u iżjed ma tiżdied il-problema, il-ġilda tista jew tagħmel nuffata illi akar tard tinqasam u tifforma ulcera jew tinstelaħ mill-ewwel u tifforma l-istess ulcera. F'każijiet oħra, bil-pressjoni, iċ-ċirkulazzjoni tal-parti titnaqqas u il-ġilda tiswied u tiggangrena. Jekk il-gangrena tkun mingħajr infezzjoni tissejaħ 'dry gangrene' filwaqt jekk tkun infettata, tissejjaħ 'wet gangrene'. Waqt illi t-tip 'dry gangrene' hija stabbli u tibqa relattivament limitata, 'wet gangrene' hija perikoluża għax billi tkun infettata, l-infezzjoni tista' tinfirex malajr, u b'hekk tiżdied il-gangrena b'konsegwenzi serjissimi għal pazjent."

79. L-espert mediku osserva li min-*nursing reports* ta' SVP tal-14 ta' Lulju 2014 wara li ippruvaw jinkoraġġixxu lill-pazjent jixrob, rawh żewġ tobba u ordnawlu dripp Saline jalterna ma' 5% Dextrose, u kull litru kellu jiġi mogħti kull 16-il siegħa L-għada

---

[25] Fol 645 tal-proċess.

[26] Fol 46 tal-Volum 4 allegat.

indunaw li l-kundizzjoni tal-pazjent kienet aħjar u komplew bl-istess trattament. Kompla jispjega li mill-*fluid balance sheet* jidher li bejn il-15 ta' Lulju u t-18 ta' Lulju, is-Sur Lancaster ħa 'l fuq minn 1500 – 1800 mls ilma (bid-dripp) kuljum però peress li r-resident kien inkontinenti ma setgħetx tittieħed miżura tal-urina però jiġi nnotat lill kienu jibdlulu l-ħarqa minn tal-anqas tlett darbiet kuljum.

80. Prof LaFerla osserva li "sa kemm kienu rawh it-tobba ta' l-emerġenza, it-tobba tas-sala u l-kirurgi li kienu eżaminaw il-pazjent qabel ma operawh, qatt ma tissemma l-kelma *severe dehydration*. Huwa interessanti illi tinnota illi din l-istess *anaesthetic sheet* tiddokumenta illi l-pazjent kien *anuric* jiġifieri illi ma kienx qiegħed jgħaddi urina, mentri fil-fatt meta l-kirurgu daħħal kateter fil-bużżieqa tal-pip tal-pazjent preċiż qabel ma' beda l-operazzjoni, ħareġ *clear urine*. Dan mela jindika li l-pazjent mhux talli kien qiegħed jipproduċi pipi u għalhekk ma kienx *anuric* iżda l-pipi kienet *clear* u mhux ikkonċentrata u għalhekk mux konsistenti ma *severe dehydration*."[27] L-espert mediku ikkonkluda li ġaladarba l-urina kienet *clear* ma jistax jingħad li kien hemm stat ta' *severe dehydration*. Ikkonkluda wkoll li eGFR ma jistax jintuża bħala indikazzjoni tal-istat ta' *hydration* tal-pazjent u dan għaliex dak it-test jindika l-funzjoni tal-kliwei u fil-każ tal Lancaster, peress li kellu l-kliewi għajjenin, l-eGFR kien ikun baxx ħafna.

81. Din il-Qorti tieħu kont wkoll tal-osservazzjoni li saret mill-Kap Eżekuttiv li bejn il-ħin li s-Sur Lancaster telaq mir-Residenza SVR sakemm rawh it-tobba kollha u wasal għal ħin tal-loppju kien għada ftit ħin mhux ħażin mingħajr xejn iżommu idratat. Wieħed irid iżomm f'moħħu li dan ġara f'Lulju proprju fl-għeqqel tas-sajf. Il-fatt waħda li kien *dehydrated* waqt l-għoti tal-loppju ġewwa l-Isptar Mater Dei ma jistax jingħad mingħajr prova klinika li dan kien *dehydarated* ġewwa r-Residenza SVP ukoll.

82. Il-Qorti ssib illi fil-kura ta' missier ir-rikorrenti l-infermiera u t-tobba f'San Vincenz kienu qegħdin isegwu standards, direzzjonijiet u jagħtu kura meħtieġa, immedjata u adegwata u bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jiġi kkunsidrat illi kien hemm ksur tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni.

83. Ingħad li dak li huwa mistenni mill-Istat taħt l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni huwa li jirregola l-isptarijiet u s-sistema tal-kura "*so as to protect the lives of patients and hold accountable those who fall short of applicable standards; and in certain*

[27] Fol 642 – 643 tal-proċess.

*contexts, where they have direct responsibility for the welfare of individuals, such as in prisons or other institutions, they must ensure concretely that they receive adequate medical care*."[28]

84. Il-QEDB fil-kawża **Pentiacova et v. Moldova** (Appl Nru 14462/03) mogħtija fl-4 ta' Jannar 2005 qieset li

> *"Moreover, an issue may arise under Article 2 where it is shown that the authorities of a Contracting State put an individual's life at risk through the denial of health care which they have undertaken to make available to the population generally (see Cyprus v. Turkey [GC], no. 25781/94, § 219, ECHR 2001-IV and Nitecki v. Poland (dec.), no. 65653/01, 21 March 2002).*
>
> *In the circumstances of this case, the Court is therefore required to determine whether the domestic authorities did what could reasonably be expected of them and whether, in particular, they fulfilled, as a matter of principle, their obligation to protect the patient's physical integrity, particularly through the administration of appropriate medical treatment."*

85. Aktar riċenti reġa' ġie ritenut mill-QED fil-kawża **Kayor v. Turkey** (Appl Nru 53480/11) mogħtija fil-11 t'Ottubru 2016

> "22. *[..] that the acts and omissions of the authorities in the field of health care policy may in certain circumstances engage their responsibility under the positive limb of Article 2. However, where a Contracting State has made adequate provision for securing high professional standards among health professionals and the protection of the lives of patients, it cannot accept that matters such as errors of judgment on the part of a health professional or negligent co-ordination among health professionals in the treatment of a particular patient are sufficient in themselves to call a Contracting State to account from the standpoint of its positive obligations under Article 2 of the Convention to protect life (see Powell v. United Kingdom (dec.), no. 45305/99, ECHR 2000-V, and Byrzykowski v. Poland, no. 11562/05, § 104, 27 June 2006).*"

---

[28] Kren Reid, *A Practioner's Guide to the European Convention on Human Rights*, (is-sitt edizzjoni (2019)), paġna 861 – 862.

86. Fil-każ ewlieni **Calvelli u Ciglio v. Italy** (Appl Nru 32967/96) deċiża mill-QEDB fis-17 ta' Jannar 2002 ġie stabbilit li

> "*positive obligations therefore require States to make regulations compelling hospitals, whether public or private, to adopt appropriate measures for the protection of their patients' lives. They also require an effective independent judicial system to be set up so that the cause of death of patients in the care of the medical profession, whether in the public or the private sector, can be determined and those responsible made accountable (see, among authorities, Erikson v. Italy (dec.), no. 37900/97, 26 October 1999; and Powell v. the United Kingdom (dec.), no. 45305/99, ECHR 2000-V; see also Işıltan v. Turkey, no. 20948/92, Commission decision of 22 May 1995, DR 81-B, p. 35).*"[29]

87. B'applikazzjoni ta' dan l-insenjament għal każ odjern u b'mod partikolari fid-dawl tal-konsiderazzjoni magħmulin aktar 'il fuq hija u tikkunsidra l-allegat negliġenza, il-Qorti ssib li ma ġiex muri li l-Istat naqas milli jagħmel ir-regoli adegwati għal standards professjonali għolja. Lanqas ma ġie ppruvat li kien hemm negliġenza mill-infermiera, għalkemm għandu jingħad li skont l-insenjament hawn fuq kwotat l-istat m'għandux jirrispondi għal deċiżjonijiet kliniċi meħuda mit-tobba u infermiera u wisq anqas negliġenza tal-istess. Kif ġie muri aktar 'l fuq fid-dettal, l-Istat ħa ħsieb jagħti l-kura kollha meħtieġa lis-Sur Lancester biex b'hekk issodisfa l-obbligu sanċit fuqu taħt l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni li jamministra t-trattament mediku adegwat.

**88. Il-Qorti għar-raġunijiet kollha mogħtija hawn fuq ma ssibx li kien hemm leżjoni tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni.**

**Allegat leżjoni tad-Dritt ta' Missier ir-rikorrenti protett bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja**

89. Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jaqra hekk: "*Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti*."

[29] Ara ukoll paragrafu 47 tal-*Guide on Article 2 of the European Convention on Human Rights: Right to life* aġġornat fil-31 t'Awwissu 2022.

90. Fin-nota ta' sottomissjonijiet ir-rikorrenti għamluha ċara li huma qegħdin jilmentaw li kien hemm kemm trattament inuman kif ukoll trattament degradanti konsegwenza tan-negliġenza imsemmija u kkunsidrati aktar 'l fuq.

91. **William A. Schabas,** fil-ktieb ***European Convention on Human Rights: A Commentary*** osserva li

> *"Clearly, not all punishment is contemplated by article 3; it must necessarily be 'inhuman or degrading'. In order for a punishment or treatment associated with it to be 'inhuman' or 'degrading', or to amount to torture, the suffering or humiliation involved must go beyond that which is inevitably connected with a given form of legitimate treatment or punishment. As for torture, because the Convention organs have tended to treat it as an extreme or aggravating form of ill-treatment, comprised with the concept of 'inhuman or degrading treatment or punishment', there can be no notion of insignificant or minor torture."*[30]

92. Dwar x'jikkostitwixxi trattament inuman u trattament degradanti, l-awtur Schabas fisser li

> "*Treatment has been held by the Court to be 'inhuman' because it was premeditated or was applied for hours at a stretch and caused either actual bodily injury or intense physical and mental suffering. […]*
>
> *In assessing the application of the term 'degrading', the Court will consider whether the object of the impugned treatment or punishment was to humiliate and debase the person concerned. Nevertheless, the absence of any such purpose or intention does not conclusively rule out a finding of a violation of article 3. Treatment or punishment is also degrading if it shows a lack of respect for or diminishes the human dignity of the victim. Treatment or punishment may be deemed degrading if it 'arouses feelings of fear, anguish or inferiority capable of breaking an individual's moral and physical resistance' or drives persons 'to act against their will or conscience'*. [31]

[30] Paġna 171 – 172 tal-ktieb.
[31] Paġna 180 – 181 tal-ktieb.

93. Il-paragrafu 19 tal-gwida bl-isem *Guide on Article 3 of the European Convention on Human Rights: Prohibition of torture*, ippubblikat mill-QEDB fisser li "*Treatment is considered to be "degrading" when it humiliates or debases an individual, showing a lack of respect for, or diminishing, his or her human dignity, or arouses feelings of fear, anguish or inferiority capable of breaking an individual's moral and physical resistance"* Fis-17-il paragrafu imbagħad spjega li "*The Court has considered treatment or punishment to be "inhuman" because, inter alia, it was premeditated, was applied for hours at a stretch and caused either actual bodily injury or intense physical and mental suffering (Labita v. Italy [GC], 2000, § 120 and Kudła v. Poland [GC], 2000, § 92)*"

94. Ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet għamel referenza għal dak li ingħad minn Karen Reid fil-ktieb tagħha *A Practioner's Guide to the European Convention on Human Rights*, però l-istess naqsu milli jikkwotaw l-ewwel sentenza u l-aħħar sentenza tal-paragrafu. Fil-fehma tal-Qorti ikun għaqli għal għarfien aħjar li tikkwota għal xiex kienet qiegħda ssir referenza:

> "*The principal art.3 treatment cases have risen in the context of physical ill-treatment inflicted by the authorities or agents of the state – the archetypal police or person brutality type case. This is gradually being extended to risk of severe physical or psychological harm where a state takes steps which may lead to a person being exposed to such harm, or even to the imposition of a positive obligation, to take steps to avoid such risk occurring. This is in the context of expulsion and extradition particularly but has also been raised in the context of punishment of children, and increasingly as regards the medical treatment and facilities available for prisoners.*"[32]

95. Reid għalhekk ma kinitx qiegħda tagħmel referenza għal trattamenti mediċi offruti lill-anzjani ġewwa r-residenzi (bħal mhi r-Residenza ta' SVP), iżda kienet qiegħda tirreferi għal trattament mediċi u faċilitajiet disponibbli għal ħabsin. Reid pjuttost tosserva li

> "*The case law is thinner as regards problems of medical treatment outside prison where persons are at least able to access facilities more easily. Issues have arisen from denial of treatment in the context of restrictive practices around abortion to issues of obtaining proper consent to sterilisation of Roma woman. Lack of access*

[32] Paġna 1127 tal-ktieb.

*by cancer patients to potentially life-saving experimental drugs which were not yet authorised did not disclose treatment sufficiently severe to fall under art.3*."[33]

96. Mill-qari tan-nota ta' sottomissjonijiet jirriżulta li l-ilmenti taħt dan l-artikolu huma marbuta mal-allegati negliġenza imsemmija taħt l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni[34]. L-allegat leżjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni hija fil-konfront tas-Sur Lancaster u mhux fil-konfront tar-rikorrenti. Kien jeħtieġ jiġi muri li s-Sur Lancaster kien qiegħed jingħata trattament inuman u degradanti. Ġie mfisser li sabiex jiġi klassifikat li kien hemm trattament inuman u / jew degradanti jeħtieġ jiġi muri li kien hemm sofferenza severa. L-uġigħ li jġib miegħu l-mard għalkemm huwa ta' tagħfis il-qalb għal qraba – u l-Qorti turi kompassjoni mar-rikorrenti li jaraw qarib tagħhom jiddeterjora quddiem għajnejhom – ma jista' qatt iwassal sabiex jingħad li l-istat huwa responsabbli għal trattament inuman u degradanti. Il-Qorti anzi tinnota mill-provi mressqa quddiemha li l-infermiera u t-tobba għamlu li setgħu sabiex joffru lis-Sur Lancaster konfort u l-aħjar kura possibbli qalb l-uġigħ kien qiegħed isofri minħabba l-mard li kien maħkum bih.

L-espert mediku kien korrett meta kkonkluda li kien hemm "diversi episodji fil-kura tiegħu fejn l-atteġġjament tal-carers setgħu werew aktar kompassjoni"[35] però dawn l-episodji ma jwasslux sabiex jiġi konkluż li kien hemm trattament inuman u degradanti fil-konfront tas-Sur Lancaster.

97. Ir-rikorrenti fit-tieni talba mressqa minnhom qegħdin jitolbu dikjarazzjoni li kien hemm leżjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni fil-konfront tas-Sur Lancaster u mhux fil-konfront tagħhom. Kien għalhekk jeħtiġilhom juru kif l-ilmenti magħmula minnhom kienet taffettwa lis-Sur Lancaster. In-nuqqasijiet hawn fuq imsemmija, għajr għat-tieni waħda, aktar taffettwa lir-rikorrenti aktar milli lid-defunt. It-tieni ilment ċertament li kkawża skumdità lis-Sur Lancaster però ma jistax jingħad li kien hemm trattament inuman u degradanti.

Fid-dawl tas-suespost, kuntrarjament għal dak li jallegaw ir-rikorrenti, l-Qorti ma ssibx li kien hemm trattament inuman u degradanti fil-konfront tas-Sur Lancaster kif sanċit taħt l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea.

---

33 Paġna 1153 tal-ktieb.

34 Ara Trzepalko v. Poland (Appl Nru 25124/09) deċiża mill-QEDB fis-13 ta' Settembru 2011.

35 Fol 652 tal-proċess.

**Allegat leżjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni**

98. Artikolu 8 tal-Konvenzjoni jipprovdi hekk:

> "(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.
>
> (2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."

99. **William A. Schabas** fil-ktieb ***European Convention on Human Rights: A Commentary*** fisser li

> *"Together with physical and moral integrity, health falls within the scope of private life. Although it cannot be excluded that medical care may result in violations of article 3 of the Convention, the Court generally prefers to consider these matters from the standpoint of article 8. Here there are conflicts between the Sate's interest in protecting the lives and health of its citizens and the individual's right to personal autonomy. According to the Court, although the Convention does not guarantee 'any specific level of medical care', private life 'includes a person's physical and psychological integrity'. Moreover, 'the State is also under a positive obligation to secure to its citizens their right to effective respect for this integrity'."*[36]

100. In tema legali issir referenza għas-sentenza tal-QEDB fl-ismijiet **Jurica v. Croatia** (Appl Nru 30376/13) deċiża fit-2 ta' Mejju 2017 fejn ġie ritenut li

> *"84. It is now well established that although the right to health is not as such among the rights guaranteed under the Convention or its Protocols (see Fiorenza v. Italy (dec.), no. 44393/98, 28 November 2000; Pastorino and Others v. Italy (dec.), no. 17640/02, 11 July 2006; and Dossi and Others v. Italy (dec.), no. 26053/07, 12 October 2010), the High Contracting Parties have, parallel to their positive obligations under Article 2 of the Convention, a positive obligation*

[36] Fol 371 tal-ktieb.

*under its Article 8, firstly, to have in place regulations compelling both public and private hospitals to adopt appropriate measures for the protection of their patients' physical integrity and, secondly, to provide victims of medical negligence with access to proceedings in which they could, where appropriate, obtain compensation for damage (see Trocellier, cited above; Benderskiy v. Ukraine, no. 22750/02, §§ 61-62, 15 November 2007; Codarcea v. Romania, no. 31675/04, §§ 102-03, 2 June 2009; Yardımcı v. Turkey, no. 25266/05, §§ 55-57, 5 January 2010; Spyra and Kranczkowski v. Poland, no. 19764/07, §§ 82 and 86-87, 25 September 2012; Csoma, cited above, §§ 41 and 43; and S.B. v. Romania, no. 24453/04, §§ 65-66, 23 September 2014).*

*85. In order for this obligation to be satisfied, such proceedings must not only exist in theory but also operate effectively in practice (see Gecekuşu v. Turkey (dec.), no. 28870/05, 25 May 2010, and Spyra and Kranczkowski, cited above, § 88). This entails, inter alia, that the proceedings be completed within a reasonable time (see Vasileva v. Bulgaria, no. 23796/10, § 65, 17 March 2016).*

*86. It also entails, as in the case of the parallel positive obligation under Article 2 of the Convention, the possibility of obtaining an effective medical expert examination of the relevant issues. For instance, the authorities must take sufficient care to ensure the independence, both formal and de facto, of the experts involved in the proceedings and the objectivity of their findings, since these are likely to carry crucial weight in the ensuing legal assessment of the highly complex issues of medical negligence (see Bajić, cited above, § 95; and Karpisiewicz v. Poland (dec.), no. 14730/09, § 59, 11 December 2012; as well as the earlier case of Skraskowski v. Poland (dec.), no. 36420/97, 6 April 2000, in which the same requirement was laid down in less explicit terms). A further requirement is that the experts must examine carefully all the relevant points and set out in enough detail the reasons for their conclusions (see Baldovin v. Romania, no. 11385/05, § 23, 7 June 2011; and Altuğ and Others v. Turkey, no. 32086/07, §§ 78-81, 30 June 2015), and the courts or other authorities dealing with the case must then scrutinise those conclusions properly (see Csoma, § 56; and Altuğ and Others, § 82, both cited above). A system in which an opinion given by a specialised institution is automatically regarded as conclusive evidence which precludes further expert examination of the relevant issues falls foul of this requirement (see Eugenia Lazăr v. Romania, no. 32146/05, §§ 76-80, 16 February 2010; Baldovin, cited above, § 24; and Csoma, cited above, § 61).*

*87. At the same time, the High Contracting Parties have a margin of appreciation in choosing how to comply with their positive obligations under the Convention (see, as a recent authority, Lambert and Others v. France [GC],*

*no. 46043/14, § 144, ECHR 2015 (extracts)), and enjoy considerable freedom in the choice of the means calculated to ensure that their judicial systems meet its requirements (see, albeit in different contexts, König v. Germany, 28 June 1978, § 100, Series A no. 27; Taxquet v. Belgium [GC], no. 926/05, §§ 83 and 84, 16 November 2010; and Finger v. Bulgaria, no. 37346/05, § 120, 10 May 2011).*

*88. Also, the mere fact that proceedings concerning medical negligence have ended unfavourably for the person concerned does not in itself mean that the respondent State has failed in its positive obligation under Article 8 of the Convention (see, in the context of Article 2 of the Convention, Besen v. Turkey (dec.), no. 48915/09, § 38 in fine, 19 June 2012).”*

101. Ir-rikorrenti għamlu referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Evans v. United Kindgorm** mogħtija fl-10 t'April 2007 u jissottomettu li din id-deċiżjoni tagħmel referenza għal obbligazzjoni pożittiva li jiżgura li l-entitajiet tas-saħħa jkollhom mhux biss *policies* iżda wkoll *checking procedures* sabiex jassiguraw illi d-drittijiet tal-pazjenti għal ħajja privata jiġu rispettati. Il-Qorti qrat din is-sentenza u ssib li l-mertu ta' dik il-kawża kien ferm differenti minn dak hawn trattat fis-sens illi l-imsemmija sentenza kienet tirrigwarda l-bilanċ li l-Qorti għandha toħloq bejn l-obbligazzjoni negattiva u l-obbligazzjoni pożittiva tal-Istat fil-konfront ta' żewġ persuni li kellhom embrijun fejn kien hemm disputa bejn ir-raġel u l-mara jekk kellux jintuża l-embrijun għall-prokreazzjoni wara li r-relazzjoni ta' bejniethom spiċċat. Tqis li dik is-sentenza ma hi ta' l-ebda rilevanza għall-kawża odjerna.

Il-Qorti tosserva li r-rikorrenti naqsu milli jkun ċari fis-sottomissjonijiet tagħhom dwar x'inhuma jilmentaw eżatt taħt Artikolu 8. Il-Qorti tosserva li għal darb'oħra r-rikorrenti naqsu milli jġibu prova kif is-Sur Lancaster ġie personalment affettwat bil-fatt li ma kienx qiegħed isir awditjar tal-*quality assurance*. Għalkemm il-Qorti tabbraċja dak li ingħad mill-espert mediku li l-awditjar regolari “huma neċessarji biex wiehed jiccekkja kif jkunu sejrin l-affarijiet, jidentifikaw problemi li jkun hemm, jindikaw kif għandhom jitranġaw l-problemi identifikati u tittieħed azzjoni pro-attiva biex ir-Residenza titla u tkompli miexja fuq livelli ta' kura internazzjonali”[37] però ma tarax kif dan in-nuqqas illeda l-jedd sanċit taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni kemm tar-rikorrenti kif ukoll tad-defunt.

Di più din il-Qorti tosserva li fin-nota ta' sottomissjonijiet taħt is-sezzjoni li titratta l-Artikolu 3, ir-rikorrenti jagħmlu osservazzjoni li tirrigwarda l-privatezza tas-Sur Lancaster, punt li fil-fehma tal-Qorti għandu aktar lok li jiġi trattat taħt l-Artikolu 8

[37] Fol 651 tal-proċess.

milli taħt l-Artikolu 3. Ir-rikorrenti jgħidu hekk "huwa l-pazjent li jiddeċiedi jekk iridx membru tal-familja jkun preżenti [waqt li jkun qiegħed jiġi maħsul]. Il-proċedura standard hi li ma jitħallewx jidħlu diversi familjari meta jkun qed jiġi maħsul il-pazjent, iżda l-pazjent għandu dritt jiddeċiedi jekk iridx membru tal-familja jkun preżenti. "[38].

Għalkemm jgħidu li l-proċedura standard hija li huwa r-resident li jiddeċiedi jekk iridx membru tal-familja preżenti waqt li jkun qiegħed jinħasel, l-istess jonqsu milli jippreżentaw kopja ta' din l-istandard. Il-Kap Eżekettiv fissret fix-xhieda tagħha, mingħajr wisq kontestazzjoni min-naħa tar-rikorrenti, li għal raġunijiet ta' privatezza l-ħasil u tibdil ieħor skont l-esiġenza ma jsirx fil-preżenza tal-familjari. Il-qagħda ta' saħħa li kien fiha s-Sur Lancaster mill-mument li daħal fir-Residenza SVP ċertament kienet tagħmilha diffiċli għalih li jiddeċiedi.

102. Il-Qorti tikkonkludi illi ma ssib xejn li jista' remotament jitqies li kien hemm ksur tal- Artikolu 8 tal-Konvenzjoni kemm fil-konfront tas-Sur Lancaster kif ukoll fil-konfront tar-rikorrenti.

**Allegat leżjoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni**

103. Mat-talbiet oriġinali tagħhom, fil-mori tal-kawża r-rikorrenti żiedu talba li biha qegħdin jitolbu dikjarazzjoni li peress li l-liġijiet ordinarji ma jipprovdux azzjoni għar-risarċiment tad-danni morali, dan jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-dritt għal rimedju effettiv.

**Artikolu 13 tal-Konvenzjoni**

> "Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali."

104. **William A. Schabas** fil-ktieb *European Convention on Human Rights: A Commentary* osserva li

> *"Article 13 enshrines the right to enforcement at the national level of the substance of the rights and freedoms set out in the Convention, regardless of the form in which these rights may be secured within the domestic legal order. It requires the national authorities to ensure that there is a domestic remedy that*

[38] Fol 740 tal-proċess.

*allows the competent national authority to address the substance of a complaint under the Convention and to provide appropriate relief. Thereby, article 13, 'giving direct expression to the States' obligation to protect human rights first and foremost within their own legal system, establishes an additional guarantee for an individual in order to ensure that he or she effectively enjoys those rights.'*

*[...] States have some discretion in the manner in which they abide by this obligation, whose scope will vary depending upon the nature of the complaint of a violation of the Convention. However, the remedy must be effective in practice as well as in law, 'in particular in the sense that its exercise must not be unjustifiably hindered by the acts or omissions of the authorities of the respondent State*'."[39]

105. Ma' dan l-insenjament il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-QEDB fil-kawża **Pentiacova et v. Maldova** (Appl Nru 144620/03) mogħtija fl-4 ta' Jannar 2005:

"*As the Court has consistently held (see, among other authorities, Powell and Rayner v. the United Kingdom, judgment of 12 February 1990, Series A no. 172, pp. 14-15, § 33, and Abdurrahman Orak v. Turkey, no. 31889/96, § 97, 14 February 2002), Article 13 of the Convention guarantees the availability at national level of a remedy to enforce the substance of the Convention rights and freedoms in whatever form they may happen to be secured in the domestic legal order. Its effect is thus to require the provision of a domestic remedy allowing the competent national authority both to deal with the substance of an "arguable complaint" under the Convention and to grant appropriate relief. Article 13 is therefore applicable only in respect of grievances which can be regarded as arguable in terms of the Convention*."

106. Il-Qorti ma tarax li t-talba tar-rikorrenti għandha mis-sewwa u dan għaliex ir-rikorrenti kellhom fuq livell nazzjonali rimedju sabiex jenforzaw il-jeddijiet tagħhom taħt il-Konvenzjoni proprju bl-azzjoni odjerna. L-Artikolu 13 ma jiddettax xi proċeduri għandhom jittieħdu jew quddiem liema qorti, dak li huwa imperattiv għal Konvenzjoni huwa li hemm proċeduri li huma effettivi u li jagħtu rimedju jekk tinsab leżjoni ta' wieħed jew aktar mill-jeddijiet Konvenzjonali. L-Artikolu 13 huwa marbut mal-jeddijiet kif sanċiti fil-Konvenzjonali u mhux ma proċeduri ċivili oħra li jistgħu jitressqu. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiċħad ukoll din it-talba ulterjuri.

---

[39] Paġna 550 tal-ktieb.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi

1. **Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa, tiddikjara li ma hux leġittimu kontradittur f'din il-kawża u għalhekk tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. **Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni tas-Segretarju Permanenti tal-Anzjanità Attiva u tal-Kap Eżekuttiv tar-Residenza San Vinċenz de Paul.

3. **Tilqa'** r-rimanenti eċċezzjonijiet tal-intimati.

4. **Tiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

**Spejjeż** a karigu tar-rikorrenti b'applikazzjoni tal-Artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
30 ta' Novembru, 2023

**Deputat Reġistratur**